# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXIV Vol XIII Nru. 165 April - Ġunju 2013



## *La fede professata dalla pietra*

**Atti Simposju minn P. Ivan M. Rupnik**

Rivista maħruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Għawdex

# Madonna Ta' Pinu
Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Ivan Attard, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
*L-Editur, "Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: tapinupublications@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2013:**
*Lokali* **€ 6.00**
*Ewropa* **€ 14.00**
*Barra mill-Ewropa* **€ 18.00**
*Sostenitur* Offerta Libera

**Tinsiex iġġedded l-Abbonament għas-sena 2013**

*Sena XXXIV Vol XIII Nru. 165*
*April - Ġunju 2013*






**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** *Il-Familja Mqaddsa,*
P. Marko I. Rupnik, 2012

***Wara:*** *It-Tieġ ta' Kana,*
Pittura ta' George Fenech

***Ritratti***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Centro Aletti, Gerard Buhagiar, Daniel Cilia, John Cordina, Joseph Louis Meilaq, Joseph Xuereb.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2013
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *L-Għajnejn kbar tal-Fidi*

**Simposju Marjan** ***La Fede professata dalla Pietra***

**3** Introduzzjoni minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

**5** Daħla għas-Simposju

**7** Diskorsi ta' P. Marko I. Rupnik (4/5/2013)

**28** Wirja ta' Arti Sagra

**29** Għotja ta' Pittura ta' George Fenech lis-Santwarju Ta' Pinu

**32** Preżentazzjoni u Tberik tal-Pittura *"It-Tieġ ta' Kana"*

**33** *Ir-Riħ li jkebbess fina n-Nar ta' Alla -* Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech

**36** Velja tal-Għid tal-Assunta f'Ta' Pinu


### *Intenzjoni ta' din il-Ħarġa*



**Inpoġġu l-artisti Nsara taħt il-protezzjoni ta' Ommna Marija biex bl-arti tagħhom huma jkomplu jwasslu lil Kristu u l-messaġġ tiegħu**




# L-Għajnejn Kbar tal-Fidi

F'Mejju li għadda kellna x-xorti li nilqgħu fostna lil Padre Marko Ivan Rupnik, il-Ġiżwita li mexxa s-Simposju bit-tema *"La Fede Professata dalla Pietra"*: il-Fidi murija, mistqarra fil-ġebla. F'din il-ħarġa, kif tistgħu taraw, qed inġibu l-meditazzjonijiet u l-kummenti li Padre Rupnik għamel matul is-Simposju li nżamm fis-Sala tas-Santwarju Ta' Pinu bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2013. Nistgħu ngħidu li din il-ħarġa hija ddedikata kollha kemm hi għall-arti Kristjana.

Forsi ħafna huma dawk li jaħsbu li s-sbuħija tal-arti tinsab fil-mod ta' kif din tolqot il-għajn, kif tidher minn barra. Fil-fatt, quddiem xi biċċa xogħol tal-arti ta' spiss il-kummenti jkunu: "Kemm hi sabiħa", jew: "Le, lili ma togħġobnix". Dawn il-kummenti spiss nisimgħuhom anki fejn tidħol l-arti reliġjuża, l-aktar u l-aktar meta niltaqgħu mal-arti Orjentali, Biżantina.

Propju ftit ġranet qabel sar is-Simposju, mort fuq persuna li naf li kienet tħobb l-arti u rsaqt fuqha biex nagħtiha l-invit għal dan is-Simposju. Din, kif rat l-invit, mill-ewwel qaltli: "Jien dawn il-figuri ma jinżlulix! Dawn mhux bħal dawk li hemm f'Lourdes u Fatima? Ma nafx x'taraw fihom daqskemm għandhom għajnejhom kbar!". Jien dlonk weġibt: "Għalhekk qed nistiednek għal dan is-Simposju: biex titgħallem taqra dawn il-mużajċi u mhux biss biex tħares lejhom". Din il-persuna bħal ħafna oħrajn semmiet l-għajnejn kbar li jiffurmaw dawn il-figuri. L-għajnejn kbar u miftuħin beraħ iridu jfissru li dik il-persuna li fil-mużjak tidher ix-xbieha tagħha kienet kapaċi taqra s-sinjali ta' Alla f'ħajjitha. Hekk, ngħidu aħna, il-Verġni Marija hija l-Mara tal-Fidi għaliex fil-ħajja tagħha għajnejha qatt ma nqalgħu minn fuq Alla, il-ħarsa tagħha kienet iffukata fuq dak li jibqa' u mhux fuq dak li jgħaddi. F'ħajjitha l-Verġni Marija nisslet verament il-Verb ta' Alla u wasslitu lilna biex aħna wkoll inkunu nistgħu nħossu l-preżenza tiegħu. Dan kollu, kif nafu, jista' jsir minn kull bniedem jekk huwa jkun kapaċi jaqra l-istorja ta' ħajtu bl-għajnejn tal-Fidi. Barra minn hekk, l-għajnejn kbar ta' Kristu jew tal-Verġni Marija li jidhru



f'dawn ix-xbihat ifissru li fuq kull bniedem hemm il-ħarsa divina flimkien mal-ħarsa materna ta' Ommna Marija. Hekk tistqarr il-Verġni Marija fil-*Magnificat*: "Xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu" (Lq 1:48). Kemm hija ħaġa sabiħa li timliena b'kuraġġ meta nintebħu li fuqna hemm il-ħarsa kollha mħabba ta' Alla!

Ġrajja oħra sabiħa, li seħħet propju nhar it-22 ta' Ġunju ta' din is-sena, fil-jum tal-festa tal-Madonna Ta' Pinu, kienet l-għotja ta' kwadru tat-*Tieġ ta' Kana*, xogħol artistiku tal-mejjet Ġorġ Fenech lis-Santwarju Ta' Pinu. Dan il-kwadru ngħata lis-Santwarju biex jitpoġġa fil-Kappella tal-Irtiri minn Doris, l-armla ta' Ġorġ u wliedu. Nixtieq, imma, nagħmel riflessjoni ċkejkna dwar dan il-kwadru. Kulħadd jaf kif Ġorġ Fenech baqa' magħruf għall-arti tiegħu li kważi dejjem tirrappreżenta l-folklor u l-pajsaġġ Malti. Dan jidher ukoll f'dan il-kwadru, għaliex huwa jpoġġi x-xena tat-Tieġ ta' Kana fil-pajsaġġ Malti daqslikieku dan qed iseħħ f'Malta.

Naħseb li Ġorġ ħallielna riflessjoni qawwija f'dan il-kwadru. Nistħajjel lil Ġorġ li qed jinnota dak li rat Marija f'dan it-tieġ. Qed jara li l-inbid qed jonqos; iva, l-inbid tal-ferħ fil-familji tagħna qed jonqos. Tgħid dan qed iseħħ għaliex il-familja Maltija u Għawdxija qed titlef il-ħarsa tagħha minn fuq Alla? Barra minn dan, il-Vanġelu tal-Festa tal-Madonna Ta' Pinu huwa propju dan ir-rakkont tat-Tieġ ta' Kana, fejn Marija tersaq fuq Binha u titolbu biex mill-ġdid jagħti l-*inbid it-tajjeb* lil din il-familja, inbid li jibqa' sal-aħħar. L-*inbid it-tajjeb* mhu xejn għajr il-Kelma ta' Ġesù li kull familja Nisranija jeħtieġ li tixrob biex iġġarrab il-ferħ tal-imħabba vera!

Nittama li nitgħallmu naqraw mhux biss l-arti bl-għajnejn kbar tal-Fidi, iżda kull ġrajja ta' ħajjitna, għaliex jekk inkunu tlifna l-fidi, naħseb li tkun tgħodd għalina ċ-ċanfira ta' Ġesù: "Meta taraw sħaba tielgħa mill-punent, malajr tgħidu li tkun ġejja x-xita; u hekk jiġri. U meta jonfoħ ir-riħ isfel, tgħidu li sħana se tagħmel; u tagħmel tassew. Uċuħ b'oħra. Tafu taqraw wiċċ is-sema, u wiċċ l-art ukoll; mela ż-żmien ta' issa kif ma tafux tfissruh?" (Lq 12:54-56).

Is-sbuħija tal-arti Nisranija mhix qiegħda tant f'dak li jidher bl-għajnejn tal-ġisem, imma tinsab wisq aktar fil-fond, tinsab fil-messaġġ divin li trid twassal lil kull min jieqaf quddiemha biex jirrifletti u jitlob. Dan huwa dak li nixteqilkom, għeżież qarrejja tagħna: li nifthu għajnejna beraħ biex naraw lil Alla f'ħajjitna !

Il-Paċi magħkom. ♦




# Simposju Marjan
# *La Fede Professata dalla Pietra*
## minn Patri Ivan M. Rupnik SJ

**Santwarju Ta' Pinu, Għawdex**
**3 - 4 ta' Mejju 2013**

## Introduzzjoni minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

*Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2013*



L-ewwel u qabel kollox nixtieq nilqa' lil Patri Rupnik. Huwa pjaċir tagħna li għandna lilek magħna u nafu b'kemm diffikultà aċċettajt l-istedina tagħna li takkumpanjana f'dan il-mument. Il-kittieb kbir Alessandro Solvenysten, f'diskors memorabbli li għamel fi Stokkolma, jidhirli li kien l-1974, qal: "Id-dinja moderna li ħaditha kontra s-siġra l-kbira tal-essri (kewni) qasmet iz-zokk ta' dak li hu veru, iz-zokk tat-tjubija. Baqa' biss iz-zokk tas-sbuħija u issa huwa dan iz-zokk waħdu li jrid il-piż kollu tal-ħajja ta' din is-siġra". Dan nistgħu nikkonfermawh ukoll f'Malta. Imma llum anki s-sbuħija tinsab f'diffikultà. Ikolli ngħid li s-sbuħija ntilfet minħabba ħafna romantiċiżmu u idealiżmi, u b'konsegwenza ta' dan is-sbuħija qeda tittraskura r-relazzjoni li hemm bejn il-bniedem u l-ħajja, is-sbuħija u l-imħabba li tirrealizza ruħha.

Is-sbuħija u l-imħabba nista' ngħid li huma termini sinonimi. Aħna l-Insara nemmnu – anzi ngħid li l-esperjenza tal-fidi li nagħmlu tikkonferma dan – li din l-imħabba realizzata hija r-Ragħaj sabiħ, il-Mulej, il-Kristu tal-Għid. Sintesi effikaċi tas-sbuħija tiġi ppreżentata lilna minn Vavel Klerinski li jgħid: "Il-Verità rivelata u l-imħabba realizzata huma s-sbuħija". Il-verità rivelata u l-imħabba realizzata huma l-Mulej, mejjet u rxoxtat, huma s-sbuħija. Għalhekk is-sbuħija hija t-teħid tad-dinja fl-imħabba, u kif ġustament jippuntwalizza Patri Rupnik, aħna nafu li l-imħabba tirrealizza ruħha b'mod drammatiku, jiġifieri permezz tat-Tlitt Ijiem tal-Għid ta' Ġesù. Id-dramm tal-ħajja jsolvi ruħu fil-Qawmien, fil-perspettiva assolutament ta' rebħa tad-dawl.

Għeżież, huwa xogħol tal-Knisja li tidħol fi djalogu mal-artisti, li diversi drabi, bil-lingwaġġ artistiku, jgħajtu u jipprotestaw għan-nuqqas ta' sbuħija vera. Din hi l-konvinzjoni ta' Patri Rupnik, li l-artist li jemmen "iħares lejn id-dinja b'għajn

spiritwali, jiġifieri fl-arti tiegħu jipprova jpoġġi fid-dieher ir-rabtiet li jeżistu li jżommu dik il-ħajja li għall-għajnejn profani tidher hekk imfarrka". Patri Rupnik ser jgħinna nammiraw is-sbuħija vera, u hekk nawgura li din il-laqgħa, dan is-simposju, iwassalna biex nikkollaboraw fil-ħolqien ta' spazji artistiċi wiesgħa f'ħajjitna. Din għalija hija waħda mid-dimensjonijiet tal-evanġelizzazzjoni, u nżid ngħid li huwa kontribut għall-umanizzazzjoni tal-bniedem tal-lum.



Għalhekk jiena kuntent ħafna li nista' nintroduċilkom lil Patri Rupnik, li barra milli huwa saċerdot, artista, teologu, huwa wkoll konsultur tal-Kummissjoni għall-Promozzjoni tal-Evanġelizzazzjoni Ġdida. Jekk tippermettuli, jiena nħares lejn din l-esperjenza f'dan il-kwadru. Bil-kelma u l-esperjenza tiegħu jgħin mhux biss lill-Knisja iżda wkoll lis-soċjetà biex isaħħaħ dan id-djalogu, u hekk inkunu nistgħu napprezzaw aħjar il-vera sbuħija. ◆



*NOTA: Id-diskorsi kollha ta' P. Rupnik u dak tal-Isqof Mario Grech saru kollha bit-Taljan. F'din il-ħarġa qed inġibu traduzzjoni tagħhom li saret minn Mons. Renato Borg. B'dispjaċir tagħna ninfurmawkom li minħabba raġunijiet tekniċi li ma kellniex kontrol fuqhom id-diskorsi ta' P. Rupnik li saru l-Ġimgħa, 3 ta' Mejju ma ġewx irrekordjati tajjeb u għalhekk intilfu. Għalhekk qed inġibu fil-qosor il-ħsibijiet li Padre Rupnik wassal matul l-ewwel sessjoni tas-Simposju li saret fil-jum tal-Ġimgħa, u kif ukoll id-diskorsi sħaħ li saru fis-sessjoni tas-Sibt, 4 ta' Mejju.*




## Daħla

Fil-ġurnata tal-ġimgħa wara l-introduzzjoni ta' Mons Isqof Mario Grech, Padre Rupnik beda billi wera l-apprezzament tiegħu li jinsab fostna u dan kollu dovut għall-insistenza tar-rettur li ilu jiġri warajh diversi snin. Fl-aħħar jinsab fostna u għalkemm dan kien il-ħames pajjiż li qed iżur f'temp qasir ta' għaxart'ijiem, jinsab kuntent li qiegħed fostna biex flimkien nħallu l-arti turina is-Sbuħija ta' Alla, dak Alla li għażel li jinżel fostna. Alla mhux biss jidħol fl-istorja tal-bniedem iżda jaġixxi fl-istorja ta' kull wieħed. Il-bniedem jeħtieġ li jkun miftuħ u lest li jilqa' din il-ħidma ta' Alla fih. L-arti kristjana tgħinna nħarsu lejh u naraw is-sbuħija tiegħu. Naqbel perfettament ma' dak li qal Mons. Isqof fil-bidu li "is-Sbuħija u l-Verità hija waħda Paskwali". Il-Verġni Marija, kompla jgħid Padre Rupnik, hija dik li tgħinna naraw u mmissu s-sbuħija tal-azzjoni divina f'ħajjitna. Hawn P. Rupnik beda juri u jfisser diversi xbiehat marjani fil-mużajċi tiegħu biex nitgħallmu naqraw is-sbuħija tal-fidi u l-messaġġ Divin li hemm fihom.

## It-Tħabbira tal-Anġlu

L-anġlu Gabriel qed iwassal il-messaġġ divin, messaġġ li ġej mis-sema li jidher fir-rotolu miftuħ kollu deheb. Dan hu messaġġ ta' salvazzjoni waqt li l-Verġni Marija tidher tħaddan dan ir-rotolo bħal waħda li qed iddoqq l-arpa. Dan għaliex huma diversi l-padri u





kittieba orjentali li jxebbħu lil Marija mal-arpa, hija l-injam tal-arpa li fih hemm il-kordi li minnhom joħorġu n-noti divini. Marija hija "il canto del Verbo. f'dan il-mużajk Marija tidher għarkubtejja, u dan juri l-umiltà tagħha, Marija tiċċekken u tħalli lil Alla jaħdem fiha, b'hekk hija qed turi li Alla huwa l-uniku Sid u awtur tal-ħajja. Marija tiċċekken biex tagħti spazju lil Alla u għalhekk il-Verb jgħammar f'ġufha u jsir bniedem.

F'dan il-mużajk tat-Tħabbira, Marija tidher tħaddan il-messaġġ divin imma din





id-darba bilwieqfa. Marija hija disposta li tilqa' il-kelma, hija wieqfa għaliex hija taqra l-ħajja tagħha għad-dawl tal-Kelma divina u l-Kelma ta' Alla hija kreattiva u ma tħallix



il-bniedem jorqod. Hawn tajjeb ngħidu kelma dwar San Ġużepp, li huwa wkoll jilqa' l-kelma u din tqajjmu min-ngħasa tiegħu u jagħmel dak kollu li jgħidlu l-anġlu.

Hija il-Kelma divina li tmexxi lill-bniedem. Hawn issir il-laqgħa ta' Alla mal-bniedem interjuri. Din għandha tkun it-talba siekta tagħna, "Ejja Mulej" u l-Mulej jiġi. Iva, Alla huwa preżenti fil-ħajja tiegħek! Il-Verġni f'dan il-mużajk tidher bil-mant miftuħ u f'id waħda iżżomm kobba tas-suf fuq il-ġuf. Il-mant miftuħ ifisser li hija lesta li tilqa' lil Alla, ma hix magħluqa fiha nfisha, waqt li l-kobba tas-suf trid tfakkarna f'dak li jgħidu l-padri tal-Knisja li meta Marija laqgħet il-kelma, il-Verb Divin ġie minsuġ f'ġufha u hekk sar bniedem bħalna. Marija hija dik li tinseġ lil Alla fil-ħajja tagħha u fl-istess ħin il-ħajja tagħha hija nisġa ta' Alla.



L-aħħar mużajk li ġie mfisser kien dak li juri t-tmiem tat-tħabbira. L-anġlu Gabrijel jitlaq u Marija tibqa' waħedha tħaddan il-Kelma. F'din il-kelma hija ssib il-paċi u l-mistrieħ tagħha. Il-bniedem jsir aktar bniedem minn kemm huwa kapaċi jħaddan il-Kelma ta' Alla f'ħajtu. ♦







# Diskorsi ta' P. Marko I. Rupnik

*Is-Sibt, 4 ta' Mejju 2013*

**Traduzzjoni għall-Malti minn Mons. Renato Borg**

Il-Verġni baqgħet waħidha mal-Kelma (kif rajna lbieraħ). F'ċertu sens hemm solitudni kbira, hija unika fi ġrajja assolutament unika. L-anġlu telaq minn ħdejha u hi baqgħet flimkien mal-Verb, li tilqgħu, li jgħaddi minn ġisimha. Imma naraw ukoll li hi stess tpoġġi ġbinha fuq il-Kelma, hija wkoll tirċievi żegħila mill-Verb li laqgħet. Il-Vanġelu



jgħidilna li Marija kienet "iżżomm f'qalbha dawn il-kelmiet". Kif nafu, fil-Grieg mhemmx miktub propju hekk – *"conservava"*, "iżżomm", iżda li hija *"confrontava"*, tikkonfronta – kienet tagħmel speċi ta' dixxerniment. U għalhekk din ix-xbieha li qegħdin naraw issa turina propju dak li kienet tagħmel Marija. Għaliex xi jfisser li Marija kienet tikkonfronta din il-Kelma? Jiġifieri dak kollu li jiġri fil-ħajja jiġi kkonfrontat mal-Kelma tas-sejħa.

Hawnhekk naraw ir-romblu tal-ktieb li hi qiegħda żżomm fuq qalbha, u l-id tagħha li qed iżżomm fuq ġufha. Jiġifieri dak li qed jiġri u dak li ġara lilha issa hi tipprova tifhmu fid-dawl tal-Kelma li ngħatatilha fil-bidu. Dan huwa għerf kbir li ntilef matul it-triq, għaliex aħna nagħmlu riflessjonijiet fuq livell ta' 360°, meta l-Missirijiet tal-Knisja kienu jafu – u fl-epoka moderna hemm awturi Russi li jittrattaw ħafna dan l-argument – li kull





persuna sa mill-ħolqien, u b'mod iktar ċar mill-fidwa, meta Alla salvana fi Kristu, hi msejħa – jiġifieri r-redenzjoni bħala vokazzjoni (sejħa) –, u kull persuna ġiet maħluqa għax għandha vokazzjoni. U issa dak kollu li jiġri u jseħħ fil-ħajja tal-persuna għandu jkun ikkonfrontat u mifhum fid-dawl ta' dik l-ewwel Kelma li Alla lissinlek, l-ewwel intuwizzjoni li int kellek fuq il-ħajja. Dan huwa ħafna importanti, għaliex inkella wieħed daqqa jikkonfronta ruħu ma' ħaġa, imbagħad ma' oħra. Imma int min int? Int trid tikkonfronta dawk l-affarijiet li tgħix, tifhimhom, issib is-sens tal-ġrajjiet li jseħħu f'ħajtek fid-dawl tal-ewwel vokazzjoni li inti stajt tilqa' fil-qalb tiegħek. Dan għaliex il-persuna hija magħmula b'dan il-mod, jgħid Simon Frank, dan l-awtur Russu li ilni nikkwotah matul id-diskors tiegħi.

Kull persuna prattikament hija magħmula hekk, kif ġara ma' Eva u Marija. Eva ġieha ħsieb, intuwizzjoni, u fdat ħajjitha f'idejn din l-intuwizzjoni – u kienet traġedja. Lil Marija tiġiha intuwizzjoni, tiġiha kelma, ħsieb, u tafda lilha nfisha kompletament f'dan il-ħsieb – u tiġi s-salvazzjoni tad-dinja. Allura Simon Frank jikkonkludi billi jgħid li prattikament l-ebda persuna ma tista tgħix jekk ma tafdax lilha nfisha lil xi intuwizzjoni. Jekk tagħżel l-intuwizzjoni t-tajba, isseħħ is-salvazzjoni; jekk tagħżel l-intuwizzjoni l-ħażina, il-vokazzjoni żbaljata, allura tkun ħaġa drammatika, biex ma ngħidux traġedja. Allura hu jistaqsi kif aħna nistgħu nkunu żguri li għandna u qegħdin insegwu l-intuwizzjoni t-tajba? Jekk, waqt li ngħixu, l-oħrajn jinnotaw li aħna sirna nixbhu lill-Iben, għaliex hu l-Kelma, allura ħajjitna, jew fi kliemna jew fil-ġesti, fil-ħsieb jew fl-għemil, trid issir bil-mod il-mod ritratt ta' Kristu.

Jien fil-ħajja tiegħi x'jien nagħmel? Nieħu l-Kelma kif laqgħetha u ħaddnitha Marija? Hawnhekk hija qed tħaddan il-Kelma bis-saħħa u bl-id l-oħra qed tmiss il-ġuf, għax hemmhekk seħħet xi ħaġa. Allura l-bniedem għaraf jagħmel dan il-ġest: iżomm il-vokazzjoni u jipprova jara dak li qed jgħix x'rabta u x'relazzjoni għandu ma' din il-vokazzjoni. Dan ifisser li wieħed isir għaref: mhux biss bil-Kelma f'sens ġenerali, iżda wkoll bil-Kelma li tlissnet lilek, li hija importanti. Ma' din il-Kelma int qiegħed tikkonfronta dak li qiegħed tgħix.

* * *



Il-Kelma ta' Alla, dan ir-romblu, jinħatt u jsir mixja, mixja li Marija timxi f'dak id-dixxerniment kontinwu, konfront kontinwu fuq dak li ntqalilha. Timxi wara dik il-Kelma li twassalha għal laqgħa, li twassalha biex tiltaqa' ma' Eliżabetta. Jekk tkunu Ruma u żżuru din il-knisja, mal-ħajt faċċata ta' din il-pittura hemm il-Ħtija Oriġinali, għaliex jiena ħadt il-qari tat-8 ta' Diċembru, fejn Eva li qed tisma' tiġi kkonfrontata ma' Marija li qed tisma'. Il-frott ta' Eva huwa Kajjin, li joqtol lil Abel. Il-frott ta' Marija hija l-laqgħa. F'waħda l-iskontru, u fl-oħra għandna l-laqgħa. Dan il-konfront dirett huwa interessanti ħafna.

Hawnhekk naraw li Marija tasal għand Eliżabetta, li, jekk innotajtu qabel, qiegħda fuq l-għatba tad-dar u tiftaħ il-mantell.



Kif diġà rajna fit-Tħabbira tal-Anġlu, il-mantell miftuħ huwa simbolu ta' min lest li jilqa'. Eliżabett, tinsab bil-mantell miftuħ, hija tagħmel il-ġest tat-Tesment il-Qadim li tilqa' lill-Mulej. Dan huwa l-aħħar ġest tat-Testment il-Qadim u huwa wkoll il-ġest mill-iktar sinifikattiv flimkien ma' dak ta' Ġwanni l-Battista. Tant hu hekk li hawnhekk għandna l-laqgħa interjuri ta' żewġt irġiel, għaliex hawn Ġwanni l-Battista jiltaqa' mal-Messija.

Dan jurina wkoll kif għandhom ikunu l-laqgħat bejn żewġ persuni. Irridu noqgħodu dejjem attenti li niltaqgħu bħala bnedmin interjuri u mhux bħala bnedmin tal-laħam li reċiprokament inqajmu fina l-passjonijiet.

Naraw kemm hi kurjuża din il-laqgħa, għaliex Marija tasal b'għajnejha miftuħa beraħ, għaliex marret hekk 'il bogħod fil-muntanji tal-Lhudija, ħaġa perikoluża għal mara, anki għaliex hija mqanqla minn tħassib: "Dak kollu li smajt u ħassejt possibbli li huwa minnu?". Peress li kien intqalilha li l-kuġina tagħha hija wkoll tqila, u hi ma kinitx taf, bdiet il-mixja biex issib ukoll verifika, prova li dan huwa minnu; għaliex jekk issib lil Eliżabetta tqila, allura dan ikun argument tanġibbli li anki fiha qed jiġri l-istess.

Din hi l-kapaċità li wieħed jaqra s-sinjali taż-żminijiet, is-sinjali li permezz tagħhom Alla jkellimna. Il-Griegi għarfu l-ideat mill-kontemplazzjoni tal-kożmu; aħna l-Insara insiru nafu lil Alla mill-istorja. Il-Lhud kienu jafu lil Alla mill-istorja, imma minn meta Alla sar bniedem, l-istorja saret waħda qaddisa, u aħna msejħin biex naqraw dak li qed jiġri. Nistqarr li dan huwa l-punt dgħajjef tal-Kristjaneżmu f'dawn l-aħħar sekli: m'aħniex kapaċi nikkontemplaw l-istorja. Inti tista' taqra tliet miljun paġna fuq it-Tieni Gwerra Dinjija u ma ssib ebda awtur li f'ħamsin paġna jgħid x'ried jgħid Alla lill-umanità b'din it-traġedja. X'inhi l-Kelma ta' Alla f'din it-traġedja? Aħna sirna bħad-dinja: epidermiċi (il-qoxra ta' barra), xjentifiċi. Iżda x-xjenza hija miżerabbli, ma jirnexxilhiex tifhem il-verità. Allura huwa importanti ħafna dan id-dixxerniment kontinwu li jgħinna naqraw il-ġrajjiet, l-avvenimenti u dak li qed jiġri.

Il-mixja ta' Marija twassalha għal-laqgħa, u Eliżabetta tilqagħha, miftuħa għall-Verġni Omm. Kif tistgħu taraw, Eliżabetta wkoll għandha jdejha fuq ġufha. Jiltaqgħu żewġ nisa li qegħdin imissu lil Alla permezz ta' dak li Alla qed jagħmel fihom. M'għandniex infittxu lil Alla min jaf fejn; lil Alla nsibuh propju f'dik li hi ħajjiitna u mkien iżjed. Bħall-omm li qamet xi ħmistax-il darba matul il-lejl u minħabba binha trid tgħid ir-Rużarju, għaliex inkella ma tkunx talbet. Jekk kull darba li qamet, din l-omm m'għexitx is-sagrament, allura ma nafx jien min jista' jagħmlu! Ma teżisti ebda ħaġa li tista' tiġi



kkonfrontata mat-twettiq tar-rieda ta' Alla. Tista' tagħmel tliet xhur sawm; dawn ma jistgħux jitqabblu mat-twettiq tas-sagrament, jiġifieri r-rieda ta' Alla.

Peress li hawn qegħdin f'santwarju ta' pellegrinaġġi u mhux fi knisja parrokkjali, jidhirli li din hija ħaġa interessanti, għaliex is-santwarju huwa bħal din il-laqgħa. Lejn is-santwarji bħal Ta' Pinu, il-pellegrin jagħmel mixja, u ma ninsewx li l-Ewropa Kristjana ħafna drabi akkwistat il-fidi permezz tal-pellegrin, tal-pellegrinaġġ tal-fidi. Ħafna drabi fid-diffikultajiet, fil-ħerba spiritwali, ir-ritorn seħħ permezz tal-pellegrinaġġ. Imma jeħtieġ li niskopru mill-ġdid is-sbuħija u r-rikkezza tal-pellegrinaġġ. Il-pellegrinaġġ jibda mill-mument li fih wieħed jibda jipprepara ruħu, imbagħad hemm mixja. Mhix l-istess ħaġa meta wieħed imur bil-karozza għal pellegrinaġġ, li hija ħaġa inqas serja biex wieħed jagħmel pellegrinaġġ. Hemm bżonn li wieħed jimxi, u hu u jimxi jrid iżomm is-skiet. Waqt din il-mixja jiġu diversi ħsibijiet, imbagħad imorru u jerġgħu jiġu, f'xi waqtiet titkellem ftit, f'xi mumenti oħra tistrieħ ftit u tieqaf, issa tiftakar ħaġa, imbagħad jerġgħu jiġu l-ħsibijiet.

Aħna xi kultant inġibu ruħna ta' razzjonalisti. "Issa rridu nagħmlu siegħa ta' talb!". Irrid nara min jirnexxielu jitlob għal siegħa! Jekk jagħmel hekk, nagħmillu dritt mitt metru kwadru ta' mużajk! Irrid inkun naf min hu kapaċi jimmedita l-Passjoni u l-Kruċifissjoni waqt li qiegħed jgħid ir-Rużarju! Għaliex ir-Rużarju ma jintalabx hekk. Jekk irrid nimmedita l-Passjoni ta' Kristu, allura noqgħod nimmedita l-Passjoni ta' Kristu, iżda jekk irrid ngħid ir-Rużarju, allura ngħid ir-Rużarju; iżda ma nistax nagħmel it-tnejn f'daqqa. Is-saċerdot razzjonalista jgħidlek biex tgħid ir-Rużarju u timmedita. Ma tistax titlob ir-Rużarju b'dan il-mod, għaliex ir-Rużarju huwa talba ġakulatorja: is-sens tagħha huwa fir-ripetizzjoni. Min jaf kemm-il darba wieħed jipprova jimmedita posta tar-Rużarju u f'moħħu jiġu elf ħaġa, ta' x'għadda minnu, x'għadu jrid jagħmel. Ma fhimniex l-affarijiet sewwa. Ir-Rużarju huwa talba ġakulatorja, jiġifieri ta' ripetizzjoni. Filwaqt li wieħed jirripeti l-kliem qaddis, il-qalb tinħasel u titnaddaf mill-ħsibijiet, il-moħħ u s-sensi jitnaddfu, u bil-mod il-mod jiġi l-Mulej, bil-mod il-mod. Ħalli l-ħsibijiet jiġu. Aħna ġieli fittixna nagħmlu bil-kontra u ħafna drabi spiċċajna persuni nevrotiċi.

Hemm kittieb Sloven, Ivan Sanger, li jiddeskrivi dan hekk tajjeb: "Qegħdin fil-bidu tas-seklu għoxrin, fi Vjenna Kattoliċissma, f'ħin wieħed tiġi fuqna l-persuna responsabbli u ddur fuqna l-għaxar studenti u tgħidilna: 'Kulħadd għar-Rużarju'. Bdejna r-Rużarju, imma jien bdejt naħseb fl-għarusa tiegħi, nimmaġina fil-bews passjonali li bdejt nagħtiha, u filwaqt li fommi beda jtenni l-kelmiet qaddisa, il-bews lill-għarusa tiegħi beda bil-mod il-mod isir inqas passjonali, dejjem iktar safi. Ma bqajtx inbusha, ma bqajtx nitkellem magħha, ma bqajtx nikkontemplaha, u bil-mod il-mod bdejt nitkellem mal-Mulej". Darba oħra jirrakkonta li meta beda jgħid ir-Rużarju, beda jiftakar f'ommu u t-tmien ħutu: "Bdejt naħseb fit-tbatijiet li ġarrbet biex rabbietna u fl-aħħar spiċċajt biex nitlobha maħfra tan-nuqqasijiet tiegħi fil-konfront tagħha".

Dan huwa t-talb! Jekk inti rrabjat u tgħid ir-Rużarju, irrid nara kif ser tikkontempla l-Inkurunazzjoni tal-Verġni Mbierka! M'intix kapaċi. Jekk tisforza, inti stess tifhem li hija kontra kull natura tiegħek. Din mhix ħaġa naturali. Bħal meta jien inkun qiegħed nikteb artiklu u ċċempilli l-istamperija għal ktieb. F'Ruma t-temp huwa riħ isfel, u ċċempilli persuna u tgħidli: "O Patri Marju, jien qiegħed Ruma u rrid insellimlek u niġi narak". Jekk lil din il-persuna jien ngħidilha: "U żgur, ejja, inti milqugħa", dak kollu huwa falz. Jekk tgħix f'din il-falzità għal ħames snin, tispiċċa trid tmur għand psikjatra. Dan huwa l-frott tal-moraliżmu Kristjan. Għalhekk in-nies irribellat kontra fidi bħal din, għax qalet li din ma tiswa għal xejn.

Fil-mixja tal-pellegrinaġġ jiġri ftit minn kollox, u meta wieħed jasal fis-Santwarju, wieħed m'għandux jiġri biex imur jisma' l-Quddiesa. Aħna nagħmlu hekk għaliex dak li fadlilna fil-Knisja Kattolika bħala liturġija huwa l-Quddiesa. Għal kull okkażjoni nagħmlu Quddiesa. Għal ċerti okkażjonijiet aħjar nifirħu ma' xulxin b'xi tazza nbid - skużawni tal-espressjoni - milli nilagħbu bid-demm ta' Ġesù Kristu! Dan hu ġenn! Fl-antik, is-Santwarji kienu magħmula biex isir il-pellegrinaġġ ta' tmint ijiem mixi, imbagħad xħin wieħed jasal fuq iz-zuntier tal-knisja, madwar is-Santwarju kien isir bħal pellegrinaġġ, purċissjoni. U minħabba f'hekk li madwar dawn il-postijiet kien ikun hemm dawk in-niċeċ, kappelli u tifkiriet oħra: biex is-saċerdot jiġbor in-nies tiegħu madwar dawn il-postijiet u jibda jippriedkalhom. Aktar tard bdew jippriedkaw il-patrijiet u bdew iwasslu xi ftit katekiżmu, iħejju l-pellegrini għall-Qrar, kienu jitolbu u jgħidu r-Rużarju, ikantaw u jagħmlu atti ta' talb oħra. Imbagħad wara xi ġranet il-pellegrin kien ikun fi stat li jista' jmur iqerr, wara kien imur ibus ir-relikwi u fl-aħħar imur jisma' l-Quddiesa. Allura, kif wieħed jista' jinnota, hemm qisu moviment li dejjem tiela' 'l fuq, dejjem jikber: kien ikun hemm tħejjija serja u mhux *fast food*! Aħna llum naslu, u kif naslu, malajr il-Quddiesa u nitilqu mingħajr ma nafu x'ġara. Fil-fatt il-pellegrinaġġ biex ikun tassew pellegrinaġġ hu meħtieġ iż-żmien.

Marija u Elizabetta huma barra mid-dar. Fl-ikonografija li qed naraw quddiemna l-laqgħa bejn dawn iż-żewġ nisa, issir barra, għaliex dak li jsir barra huwa hekk importanti li jħejjina biex niċċelebraw dak li jsir ġewwa.

* * *



Ngħaddu issa għan-Natività. L-ikonografija hija raffinata. Kif wieħed jista' jara, Marija qed tiled. Il-pittura moderna ġieli tagħmel affarijiet assurdi meta tippreżenta lil Marija, kważi blasfemi. L-ikonografija antika turina l-ġenbejn qawwija tal-mara, għaliex in-nisa Għebrej fiż-żmien tal-Eżodu kienu jildu waħidhom biex isalvaw it-trabi maskili. In-nisa jistgħu jifhmuni aħjar meta ngħid li biex il-mara tiled waħidha jrid ikollha ġenbejha qawwijin. Għalhekk l-ikonografija antika turina lill-Madonna bħala dik li ser tiled, mara b'ġenbejha qawwija, bit-tunika jew il-mantell fuq l-irkopptejn. Id-disinn jurina l-figura tal-irkoppa, għaliex biżżejjed li wieħed juri l-aċċenn għat-twelid, għall-ftuħ. Dawn l-affarijiet m'għandhomx jiġu ppreżentati b'mod realistiku u banali, bħal meta tisma' omelija fuq il-Verġinità tal-Madonna u tisma' wieħed jipprova jispjega l-verġinità xjentifikament u mill-aspett mediku; tistħajlu qed jipprova jispjega lil dawk li qegħdin jisimgħuh kif wieħed qiegħed bilqiegħda f'rokna ġo kamra tonda. Ma tistax!

"It-tifel jitqiegħed fil-maxtura". Il-maxtura, skont San Girgor ta' Nissa, huwa



l-post tad-dnub, għaliex il-bhima tiekol, tagħmel dawra, u tirritorna lejn il-maxtura jekk jerġa' jagħtiha l-ġuħ. Allura wieħed dejjem jirritorna lejn il-post tad-dnub. Id-dnub iġib miegħu l-passjoni, u meta wieħed jidneb, kif jgħid wieħed Russu, Ivanov, wieħed ma jidnibx biex jidneb, imma jidneb għaliex jaħseb li d-dnub ser isalvah, ser jagħtih xi ħaġa, ser jgħinu, ser iwasslu biex iħossu aħjar; jaħseb li ser jilħaq xi ħaġa. Il-midneb jidneb għax jaħseb li d-dnub ser isalvah. Għalhekk San Girgor ta' Nissa jgħid li l-bnidem jirritorna għad-dnub għaliex jaħseb li issa ser isib xi ikel aħjar, hu bħal bhima li tirritorna lejn il-maxtura.

Kif wieħed jista' jara, Alla ma ġiex bħal *Ufo – "unidentified flying object"* – imma ġie bħala ikel, ġie fil-post fejn kien hemm id-dnub. Fuq l-istess siġra li Adam u Eva xeħtu ħarsithom, fuq l-istess siġra Kristu jħalli li jiġi mislub biex il-bniedem ikun jista' jarah. Allura Kristu jiġi u jitqiegħed f'maxtura, jiġifieri fid-dnub tal-umanità, għaliex il-bniedem ma jistax jara iktar lil Alla imma qiegħed jara lilu nnifsu u d-dnub. Għalhekk il-bniedem isib lil Alla mhux fuq l-għolja tal-perfezzjoni tiegħu, imma fl-abbissi tad-dnub tiegħu. Hemm jiskopri l-wiċċ.

Kif tistgħu taraw, din il-maxtura jien diġà pittirtha forma ta' salib biex infakkar fis-siġra tad-dnub. It-tifel diġà huwa mlibbes saż-żokra bħall-Kurċifiss, l-idejn huma miftuħa bħal tal-Kurċifiss, għaliex kull misteru ta' Kristu jrid jippreżenta lil Kristu sħiħ. Wieħed ma jistax ipitter lil Kristu mejjet jekk mhux ukoll Kristu ħaj. Il-vera pittura liturġika hija antinomika, li tfisser lingwaġġ tal-verità li jgħid il-verità biss meta għandu ż-żewġ opposti flimkien: mejjet – ħaj. Jiena nitkellem dwar Kristu meta fl-istess ħin ngħid li huwa mejjet u ħaj. Jekk ngħid biss li huwa ħaj, ma nkunx nitkellem fuq Kristu; jekk nitkellem fuq Kristu mejjet biss, ma nkunx nitkellem fuq Kristu. Iżda hu mejjet u ħaj; etern u temporanju; maħluq u mhux maħluq. Dan huwa l-lingwaġġ antinomiku, u l-arti sagra hija mimlija b'dan il-lingwaġġ, għaliex Kristu fl-istess waqt li jitwieled diġà huwa mqiegħed fil-qabar, fuq is-salib, fil-post tad-dnub; diġà huwa sinjal tal-Kurċifiss.

Jiġi muri b'mod ċar li Kristu twieled biex imut, dak li jgħidu l-Padri, il-famuż "ingann divin". Alla jinganna lix-xitan. Kif? Billi sar bniedem. Ix-xitan jifraħ ħafna! Fil-presepju Naplitan insibu x-xbieha tax-xitan li qiegħed jogħrok idejh bil-ferħ: "Issa hu ż-żmien it-tajjeb biex nagħmilhielu, issa li sar bniedem nista' nieklu". Ma jafx li meta jieklu ser jiddiżintegra, qiegħed jiekol



il-velenu. Dan huwa l-ingann ta' Alla li jinfiltra!

Il-Verġni li qed tiled ġeneralment għandha id fuq ġbinha: huwa sinjal antik ħafna li juri d-dubju tat-tbatija, tal-inkwetudni, għaliex anki l-Verġni tgħix speċi ta' metanoja, ta' konverżjoni. Xi tfisser *metanoia*? *Meta* tfisser lil hinn minn, u *nuos* hu l-ħsieb: lil hinn mill-ħsieb. S'issa kelli ħsieb, imbagħad bit-talb Alla wrieni triq oħra, u nfetħet triq oħra quddiemi, rajt aħjar minn qabel. Din hija l-konverżjoni: skoprejt xi ħaġa li qabel ma kontx rajt. Għalhekk il-Missirijiet tal-Knisja jgħidulna li l-Madonna kellha l-aħħar konverżjoni quddiem is-salib, meta l-Iben minn fuq is-salib jgħallimha l-aħħar għerf, is-sens tat-tbatija. Allura dak li għalih intqal li "isalva lill-poplu tiegħu", ma kienx hemm post għalih, kellu jitwieled f'maxtura, kien irrifjutat, mhemmx post għalih. Kif inhi din il-ħaġa? X'inhu jiġri? Imma min-naħa l-oħra fuq il-Verġni ma jrid jidher ebda ħjiel ta' tbatija oħra: il-ġisem tagħha jrid ikun totalment kompost. Hekk il-ġisem tal-Verġni ma jridx jidher jekk mhux biss fl-irkopptejn meta qiegħda tiled.

* * *

Niġu għall-verġinità fit-twelid (ilbieraħ rajna u spjegajna l-verġinità qabel it-twelid). Wieħed predikatur waqt l-eżerċizzi osserva li għalih id-diskors dwar il-verġinità tal-Madonna – jekk wilditx bħal nisa oħra jew le – ma jbiddel xejn. Imma jien osservajtlu li għall-Knisja jbiddel ħafna. Meta kont qiegħed nassisti għall-qari ta' ktieb li ppreżenta lill-Madonna tiled fost l-għajat u l-uġigħ, jien qomt u tlaqt 'il barra; anki jekk kien hemm min tkaża, jien tlaqt, għax ma ridtx inħassar it-talb bl-idea żbaljata li jkolli tal-Madonna. Għax jekk il-Madonna wildet fit-tbatija, allura spiċċat, u għandhom raġun l-eretiċi kollha tal-ewwel erba' sekli u għandhom raġun Freud, Feurbach, Marx; għandhom raġun dawk il-bnedmin kollha li jgħidu li "Alla huwa devastanti għall-bniedem". Feurbach jistqarr: "Iktar ma nkun imbiegħed minn Alla, aħjar għalija, iktar inkun fiż-żgur". Adam, meta jaħrab minn quddiem Alla, fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi, jaħseb li iktar ma jkun imbiegħed minn Alla iktar ikun fiż-żgur. Jekk l-għaqda ta' Alla mal-bniedem wasslet lil Marija biex titlef imqar qatra demm, għandhom raġun dawn l-awturi li tkellimna fuqhom, għaliex dan kien ikun ifisser li l-għaqda ta' Alla mal-bniedem hija ta' tbatija għall-bniedem, tgħaffeġ lill-bniedem, tferih, tagħmillu l-ħsara. Din l-għaqda m'għandhiex tferi lill-bniedem u ma tistax tferih, anzi din l-għaqda wasslet lill-bniedem għall-milja kollha tiegħu. Marija hija mara li saret omm, imma hija wkoll verġni. Il-mara twettqet, Alla wassalha biex titwettaq, iżda mingħajr ma ħadilha xejn, ma ħalliex li hija xxerred lanqas qatra waħda ta' demm. Dan huwa importanti ħafna.

Anzi, ħa nikkunsidraw dritt konsegwenza: li kieku ma kellniex nieħdu l-verġinità tal-Madonna matul it-twelid, kien jiġri dak li ġara fl-aħħar sekli fl-Ewropa. Liema Kristjaneżmu żviluppajna aħna? Kristjaneżmu ta' qawwa pastorali, pastorali aggressiva, li fl-aħħar wasslet biex il-bniedem Ewropew jagħmel minn kollox biex jeħles minn dan Alla Ġudeo-Kristjan u minn din il-Knisja biex ikun jista' jgħix. Intom jirnexxielkom tagħrfu li llum wasalna saħansitra għall-awtonomija umana quddiem Alla! Jien nifhem din il-frażi fuq fomm bħal ta' Ċewċesku li ħtieġlu jitqabad għall-awtonomija ta' pajjiżu ma' Breshnev; imma li jien niġġieled għall-awtonomija



tiegħi minn dak Alla li tani f'idejja lill-uniku Iben li kellu u jien qtiltu! Din x'awtonomija hi?

Bilfors ikollna nitkellmu hekk, għaliex għaffiġna kompletament lill-bniedem; aħna rrendejna kollox dixxiplina, mhux biss l-iskola, iżda wkoll il-fidi. Hekk kien għadu jiġri sa għexieren ta' snin ilu: meta xi student li jiffrekwenta xi kulleġġ ma kienx ikun fil-ħin għar-Rużarju, kien jingħata l-kastig. Dan għaliex? Għaliex aħna rriduċejna kollox għad-dixxiplina, imbagħad nistagħġbu jekk għandna r-rivoluzzjonijiet kontra l-fidi. Huwa veru li x-xitan jaħdem dejjem, iżda huwa veru wkoll li aħna stess ħejjejna dan kollu f'ħafna affarijiet. Pastorali aggressiva, niġru wara n-nies, inlaqqgħu ż-żgħażagħ flimkien biex inkellmuhom fuq il-fidi, u huma m'għandhom interess ta' xejn. U hekk noħolqu biss allerġija għall-fidi. Għamilna ċerti affarijiet impressjonanti u nsejna kompletament li l-Knisja kienet tgħid li hija tiġġenera lil uliedha b'mod verġinali.

Xi jfisser verġinali? Ifisser li mhux jien il-protagonista tal-fidi tiegħek, iżda jien biss kollaboratur. Huwa Alla li jgħaddi u jaħdem, u mhux jien bil-metodoloġija; għamilt tmien snin nistudja l-metodoloġija ta' kif nagħmlek Nisrani! Ma nintebħux li l-ħaġa minnha nfisha ma taħdimx. Il-ġisem tal-Verġni li tiled ma ntmess minn ebda tbatija propju minħabba r-raġuni li semmejna. Biex nuru kemm din il-ħaġa hija serja, għandna d-domma tal-Verġinità u tal-Maternità. Meta kont qed nikteb ktieb, mort il-Gregorjana biex nikkonsulta l-librerija. Hemm innotajt li dwar il-verġinità hemm eluf ta' kotba f'dawn l-aħħar tliet sekli, imma fuq il-verġinità - maternità ftit. Fuq iċ-ċelibat issib ħafna iktar kotba, imma fuq il-paternità taċ-ċelibi mhemmx kotba.

Aħna żviluppajna ħafna l-verġinità u ċ-ċelibat, il-verġinità tal-mara u ċ-ċelibat tar-raġel. Jien għamilt din il-mistoqsija: Għaliex aħna żviluppajna ħafna xi ħaġa li mhix Kristjana? Għaliex il-verġinità mhix Kristjana, iċ-ċelibat mhux Kristjan. Kif wasalna biex niżviluppaw daqshekk hi iktar ħaġa li hija pagana. Jiena sibt it-tweġiba. Għaliex għaċ-ċelibat u għall-verġinità mhemmx bżonn il-fidi, mhix neċessarjament meħtieġa l-fidi; għalhekk huma pagani, għax huma frott id-deċiżjoni tagħna. Huwa jien li jien ċelibi u huwa jien li jien verġni. Dan għax l-aħħar sekli huma kollha antropoċentriċi: il-bniedem li jagħmel kollox u hu l-protagonista ta' kollox, anki tal-fidi, anki tat-talb; jien li nitlob, jien li nsum, dejjem jien, jien u jien, kollox jien.




Biex dan iċ-ċelibi jsir missier huwa meħtieġ l-Ispirtu s-Santu, hija meħtieġa l-fidi. Barra mill-fidi mhux possibbli li jseħħ, barra mill-każ li fih dan iċ-ċelibi jsir missier psikoloġiku u jispiċċa jagħmel ħsara psikoloġika fuq in-nies. Imma li ċ-ċelibi jsir missier tfisser is-sinerġija u l-konverġenza tal-qawwiet tiegħi ma' dawk ta' Alla. Innotaw li l-ħaġa hija serja, għaliex id-domma mhix id-domma tal-verġinità imma hija d-domma tal-Verġinità u l-Maternità, tal-antonomija. Meta dawn iż-żewġ realtajiet huma flimkien li jgħidu l-verità. Imma aħna sseparajniehom faċilment minn xulxin. Għiduli b'seminarji li jedukaw lill-kandidati tagħhom għas-saċerdozju lejn il-paternità, biex ikunu missirijiet, kif isiru missirijiet meta huma ċelibi. Uruni novizzjat tar-reliġjużi fejn in-novizzi jiġu mgħallma kif ikunu ommijiet. Il-ħaġa hija serja, għax jekk ċelibi mhux missier, ser ikun eternament imdejjaq. Għaliex ir-raġel huwa ferħan biss meta hu missier, għaliex huwa realizzat. Jekk il-mara mhix omm, ikun dejjem jonqosha xi ħaġa, għalhekk jeħtieġ li ssir omm jew fil-ġisem jew fl-ispirtu.

Dak li ġara hu li l-vokazzjoni tagħna nqasmet. Wasalna fi stat li biex saċerdot ikun kuntent, jeħtieġ li jkollu ħamsin kompensazzjoni, irid iħossu mfaħħar u gglorifikat ma nafx minn fejn u l-istess

għan-nisa. Ir-raġel ferħan huwa r-raġel li huwa missier. Din tal-paternità u tal-maternità hija ħaġa serja, u dan in-nies jafuh, il-lajċi jafuh aħjar minna. Jien ġieli ltqajt ma' pitturi anzjani famużi, ta' tmenin sena, u jibdew jitkellmu fuq soru li ltaqgħu magħha ta' erba' snin, fil-*kinder garden*, u jibdew jibku, kommossi għax kienet omm għalihom. Qatt ma mar il-knisja, ma jafx x'inhi l-Knisja, imma xħin jitkellem fuq dik is-soru, jibki. Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku fl-iskejjel Kattoliċi l-għalliema jkunu missirijiet u ommijiet! X'meravilja! Kif jinbidel kollox!

* * *



Din tinsab fi Bratislava, fir-Repubblika Slovakka, fil-Katidral tal-Ordni Militari, u quddiem dan il-presepju hemm il-Fonti tal-Magħmudija. Għaliex Marija tpoġġi lill-iben tagħha nfaxxat, bħal wieħed mejjet, ġewwa qabar, forma ta' kalċi; għaliex il-Fonti tal-Magħmudija huwa bħal kalċi, fl-irħam abjad biex ma jidhirx. Dan juri li aħna nitgħammdu fil mewt ta' Kristu u mbagħad fil-Qawmien tiegħu. Kristu huwa tifel li jikber magħna bil-mod il-mod. Din hija ħaġa



sabiħa. Meta jagħmluk superjura ta' età żgħira, għidilhom li Kristu sar tifel żgħir, allura anki jien superjur li għadni tifel żgħir, imma fi żmien ħmistax-il sena nitgħallem u nikber; intom għinuni, u lkoll inkunu kalmi. Jekk jien bħala ġuvni nibda nagħmilha ta' superjur, jaħarbu kollha, għax jgħidu: "Dan Hitler żgħir". Jeħtieġ li nagħrfu nibdew bħat-tfal żgħar u nibdew nikbru ftit ftit. Allura tinnota x'tifsira kbira għandu.

Ngħidu kelma fuq San Ġużepp. Kif taraw, San Ġużepp qiegħed iżomm f'idejh il-bastun li qed jibda jwarrad, iz-zokk ta' Ġesse.



Titwettaq il-profezija l-kbira u turi li Alla huwa fidil fil-kelma tiegħu tal-bidu. Imma qiegħed ukoll jikkontempla, qiegħed iħares 'il fuq, jiġifieri lejn il-Missier veru ta' dan it-tifel: San Ġużepp li jikkontempla lill-veru Missier. Kemm huma żbaljati dawk it-tpinġijiet li jippreżentaw lil San Ġużepp

iħaddan lil Marija u t-tnejn qegħdin iħaddnu lil Ġesù! F'dawn l-aħħar xhur kelli nikteb parir lill-Kongregazzjoni tal-Fidi dwar dawn ix-xbihat, għax hija ħaġa perikoluża; għaliex Ġużeppi mhux missier bħalma Marija hija omm Ġesù. Tiegħu hija paternità differenti u hemm bżonn li tidher li hija paternità differenti. Huwa missier, iżda b'mod ieħor.



F'dan il-presepju qegħdin taraw il-grotta. Fuq ir-ras ta' Marija l-grotta tidher il-kewkba li hija għal kollox trasparenti, imdawla; għaliex l-istess dawl li niżel mis-Sema jiġi wkoll mill-art tal-grotta, għaliex peress li Ġesù twieled fil-grotta, il-grotta mtliet bid-dawl u hija diġà xbieha tax-*sheol* – tal-imperu tad-dlamijiet li fih jidħol Kristu



wara l-mewt. Hawnhekk diġà għandna l-grotta li hija sinjal tad-dnub, tal-mewt; Ġesù jitwieled fil-grotta biex juri li hu twieled fid-dnub u fil-mewt, u jkeċċi l-mewt bid-dawl tiegħu. Id-dawl mhux ġej biss mis-sema iżda wkoll mill-art, minn taħt l-art. Marija tinsab bilqiegħda fuq l-art, imma jekk tinnotaw tajjeb, din l-art hija muntanja. Hija ħaġa stramba kif fuq ġewwa tal-grotta nsibu muntanja: Alla dejjem juri lilu nnifsu fuq muntanja. Wieħed jitla' fuq il-muntanja biex ikun jaf lil Alla. Hawnhekk huwa Alla li jinżel. Fejn jinżel? Jinżel fid-dnub tal-bniedem, iktar tard ikun meqjus hu stess bħala dnub; għalhekk jinżel fid-dnub u fuq id-dnub hemm il-muntanja fejn Alla juri lilu nnifsu. Alla li juri lilu nnifsu fid-dnub għaliex jieħdu fuqu. Anki meta jiġi ttrattat bħala dnub, fil-Passjoni, fl-aħħar x'jagħmel? Jitla' fuq il-Kalvarju. Kristu kien meqjus ta' lsir, imżeblaħ, ġarrab l-umiljazzjoni, il-*kenosis* – jiċċekken – u filwaqt li jgħix dan iċ-ċokon, irid jitla' fuq il-muntanja tal-Kalvarju meta jiġi merfugħ u gglorifikat mill-Missier.

Wieħed jista' jara li b'elementi żgħar, l-ikonografija tagħmel sintesi kbira. Ippruvaw hawnhekk aħsbu fuq il-logħba li hemm bejn il-grotta u l-muntanja; li fiha jidhru l-Passjoni u l-Qawmien, l-inżul u t-tlugħ. Hemm kollox fiha. Ippruvaw aħsbu li l-art issir mill-ġdid art imdawla u mhux iktar mudlama. Huwa d-dnub li jagħmilha mudlama. Allura l-art tiġi salvata, issir sagrament, issir il-post fejn Alla jħobbna u jsalvana, issir il-post fejn Alla jaqtgħalna l-għatx u l-ġuħ, jitmagħna u jisqina. Kif taraw, wieħed jista' ma jieqaf qatt.

Għaliex insibu l-baqra u l-ħmara?



Għaliex, kif jgħid is-Salm, anki huma sabu lis-Sid tagħhom. Fuq wara tidher l-istilla. L-art offriet il-grotta, is-smewwiet u l-univers offrew l-istilla, u l-bniedem offra l-verġni biex Alla jkun jista' jinżel. Kull bniedem jitwieled taħt stilla; l-istilel iddeċidew id-destin tiegħu. Il-Missirijiet ta' Lixandra jgħidulna: "Meta twieled Kristu, l-istilla tħarrket", għaliex Kristu ħelisna mid-determiniżmu kożmiku.

* * *



Il-Familja Mqaddsa. Din saret għal-Laqgħa Dinjija tal-Familji. Fuq il-familja rrid ngħidilkom ħaġa waħda biss. Il-Kardinal li qabbadni nagħmel din il-pittura qalli li trid tidher fiha d-dinja ta' żmienna: "Agħmel xi bliet, il-kompjuter eċċ...". Jien għidtlu li l-ikonografija ma ssirx b'dan il-mod. Allura ħsibt x'inhi l-problema tal-familja llum. Jien naħseb li l-ewwel problema tal-familja hija l-possessjoni. Skont il-mara, hi mhix maħbuba biżżejjed mir-raġel tagħha, allura tħobb lil uliedha għax dawn iroddulha l-imħabba. Hekk tibda tippossiedi lil uliedha. Peress li r-raġel mhux maħbub biżżejjed mill-mara tiegħu, jibda jħobb lil ibnu, għax jaħseb li dan l-iben jista' jkun dak li mhux hu. Hekk jibda jippossiedi lil uliedu u jkun irid li l-iben jilħaq inġinier jew stati oħra tal-ħajja.

Darba, meta kont l-Arġentina, staqsejt lil missier li kellu sitt itfal: "X'tgħidilhom int lill-missirijiet Ewropej?". Waqaf għal ftit u qalli: "Biex iħobbu lin-nisa tagħhom". It-tweġiba tiegħu kienet dommatikament eżatta, għaliex ħafna kienu jaqgħu fin-nasba li jsemmu t-tfal. Il-missier ikun missier eċċellenti jekk iħobb lil martu. Allura ddeċidejt li nagħmel din il-pittura fuq dak li kont qrajt darba mill-omeliji ta' Bakażilas: li Marija hija s-sellum ta' Ġakobb li permezz tiegħu Kristu daħal fid-dinja. Marija qiegħda żżomm idejha forma ta' sellum, taraġ, biex hekk Kristu jkun jista' jimxi. Kristu għandu missjoni xi jwettaq. Huwa jrid iwettaq din il-missjoni. Hu jimxi 'l quddiem, jimxi. Marija mhix iżżomm l-idejn żgħar ta' binha Ġesù, sinjal ta' tenerezza li torbtok magħha. Le, hija ma żżommu f'xejn. Hu qed iżżomm il-mantell tagħha, iżda Hu jimxi. Dan ifisser in-nuqqas ta' possessjoni, għaliex l-ulied għandhom il-vokazzjoni tagħhom, għandhom il-mixja tagħhom, il-persuna tagħhom. Il-ġenituri huma dak il-post li permezz tiegħu l-vokazzjoni tal-ulied tidħol fid-dinja. Dan għaliex hemm paternità li qiegħda 'l fuq, hemm id 'il fuq miftuħa, għax il-Missier jagħti kollox, jagħti lill-Iben. Dan l-Iben irid jimxi fid-dinja biex juri min hu l-Missier.

Fl-anġlu fuq in-naħa tal-lemin ta' Marija hemm il-ġnien tal-Għeden: huwa ġnien għani ħafna, ta' ħdura, kollu fjuri. Fuq il-lemin hemm il-belt, Ġerusalemm tas-Sema. Bejn il-bidu tal-istorja u t-tmiem ta' Ġerusalemm tas-Sema, il-familja hija l-post ipprivileġġjat fejn Alla juri ruħu. Il-familja mhix romantika, u għalhekk hawn il-Madonna m'għandhiex wiċċ ta'xi artista ta' *Hollywood*, kollha sbejħa, imma għandha velu ta' niket fuqha.

Wiċċ Ġużeppi huwa wieħed serju, għaliex il-familja hija dmugħ ta' ferħ, dmugħ ta' niket, skiet ta' rabja, gdiedem, weġgħat, ikel li mhux imħejji, imwejjed li mhumiex






bit-tvalji. Imbagħad hemm imwejjed bil-fjuri, ta' festa, bl-inbid, ta' ferħ. Il-familja hija t-tajn, id-demm, il-kant, il-glorja, il-ferħ li huwa kollox, u Alla pprivileġġja, għażel dan il-post.

Jeħtieġ li nieqfu nitkellmu fuq il-familja ideali. Tkellimt dwar il-familja għad-Djoċesi ta' Ruma fil-Bażilika tal-Lateran. Kien hemm ħafna nies u maġenbi kien hemm il-Kardinal, u f'mument minnhom staqsejt lin-nies preżenti min minnhom hu kapaċi jikkontradini fuq dak li kont ser ngħid. Kulħadd qam. Għidtilhom li hemm mara miżżewġa, tibki matul il-lejl, matul dan il-lejl. Dan il-lejl aħna qegħdin hawn u hi qiegħda tibki għaliex ir-raġel ħallieha seba' snin ilu u telaq ma' mara oħra. L-istess raġel ħalla lil dik il-mara u diġà qiegħed mar-raba' waħda, imma hi tibki. Taħdem u titħabat biex trabbi lil uliedha. Uliedha ta' sbatax-il sena telqu, it-tifla rritornat bix-xagħar vjola, il-ġuvni beda jieħu d-droga u telaq mid-dar. Hi tibki, tħobb, taħdem u dejjem tħejji, biex kif jirritorna l-iben, isib il-lest. Min fil-Knisja għandu l-kuraġġ jgħidli li mhux qed nitkellem fuq il-perfezzjoni taż-żwieġ? Din il-mara qed tgħix il-perfezzjoni tal-familja u twassalha direttament għall-glorja tas-Sema. Silenzju sħiħ! Aħna minn hawnhekk naraw iż-żwieġ perfett meta naraw lit-tnejn, lir-raġel u l-mara mgħannqin flimkien, diġà għandhom tmenin sena, flimkien man-neputijiet, pro-neputijiet u pro-pro-neputijiet li lkoll jilagħbu fil-ġnien bil-fjuri quddiem id-dar. Dan huwa *Hollywood*! L-imħabba ta' Alla hija ħaġa oħra. Meta Kristu miet fuq is-salib, min ra t-twettiq tal-imħabba tal-Missier għall-bniedem? Min? Ħadd, lanqas ommu li kienet taħt is-salib. Ħadd! Iżda fil-fatt hekk kien. L-imħabba mhux dejjem tidher, imma tinħass.

* * *



Dan jinsab fil-Katidral ta' Madrid. Irrid nenfasizza xi ħaġa oħra. Hija l-Madonna li toffri lill-Mulej lil Xmuni fit-Tempju. Aħna ninnotaw kif qiegħed iħaddnu b'idejh.



Fl-aħħar ta' ħajtu Xmun mhux b'idejh vojta, imma qiegħed iġorr lill-Messija. Hawnhekk qegħdin naraw lil Marija li qiegħda toffri lil Ġesù lil Xmun fuq l-altar, u l-Bambin innifsu huwa f'moviment, li juri li qiegħed jintelaq f'idejn Xmuni, irid imur għandu; għax huwa



Ġesù li jrid joffri lilu nnifsu, huwa Ġesù li qiegħed ifarraġ lill-Madonna, u mhux hi lilu. Huwa Ġesù li qiegħed iżiegħel b'ommu, għaliex kif tista' din l-omm tfarraġ lill-Iben ta' Alla? Huwa Hu li jfarraġha.

Jekk wieħed jgħaddi sal-Katidral ta' Madrid, ikun jista' jara li dan l-altar huwa fil-quċċata tas-salib. Minn isfel diġà jitlaq



bis-salib. Jekk imorru taħt is-salib, insibu lil Marija li qed tieħu lil Binha lura mill-ġdid. Hija xbieha ta' waħda li qed tiled, kif tistgħu taraw minn riġlejha li huma miftuħin, u hi qiegħda żżommu propju fejn wilditu, minn



fejn tatu l-ħajja. Dawn huma riflessjonijiet li jien ġibt mill-affreski Serbi Medjevali li huma qodma ħdax jew tnax-il seklu, affreski li għandhom teoloġija qawwija u kuraġġjuża li ma nsibu mkien iktar. Huma ħafna l-affreski li jippreżentaw lil Marija li qed tilqa' lil Ġesù minn fuq is-salib qisha qed tweldu. Il-kbir Xmuni Metafrasta jpoġġi dan il-kliem fuq fomm Marija: "Ħafna drabi rqadt fi ħdani r-raqda tat-tfulija; issa orqod bil-kwiet ir-raqda tal-mewt". Imma hemm San Ġwann Damaxxenu li jgħid li meta Marija nisslet fi ħdanha, meta Marija wildet, il-laħam tagħha ma nqasamx; iżda l-ġewwieni tagħha ċċarrat meta laqgħet fi ħdanha lil binha minn fuq is-salib. Dan għaliex il-kompassjoni materna wasslet biex jinqasam il-ġewwieni tagħha, qisu kien twelid ieħor. Innotaw x'qawwa teoloġika! Meta hi tilqa' l-Iben tagħna



mill-Missier hija Verġni, ma tbatix; meta tilqgħu minn idejn il-bnedmin, tbati u l-ġewwieni tagħha jinqasam. Jien bħala pittur liturġiku ridt nuri lill-Madonna li mhix tbati, għaliex ridt nuri tnejn li huma reqdin, għaliex hija verġni u omm. Il-ħsieb li jagħmel id-Damaxxenu huwa wieħed qawwi: meta hi tirċievi minn Alla, hi titwettaq; meta l-bnedmin iroddulha lura lil Binha, il-ġisem tagħha ma jirreżistix għat-tbatija.

* * *



Iktar dwar il-misteri Marjani. Fil-Knisja Sirjaka hemm saħansitra festa tal-Madonna tal-Qatta' tal-qamħ. Peress li f'Monza hemm il-Missjunarji tal-Immakulata, talbuni ħafna biex nagħmlilhom kappella. Allura mort naqra l-ispiritwalità tagħhom u rajt li fil-qalba tagħha għandhom lill-Mulej bħala wieħed li jiżra'. Għalhekk għamilt il-parabbola tal-bidwi li ħareġ jiżra'. Hemm dak kollu li nsibu fil-parabbola: il-passaġġ, ix-xewk, dak kollu li nsibu rrakkuntat fil-parabbola.



Fiċ-ċentru, taħt l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, hemm l-art fertili li hija l-Verġni Omm, li hija l-unika art fertili.



Iż-żerriegħa li jitfa' Alla u li taqa' fil-ġuf ta' Marija fl-aħħar titla' mill-art bħal qatta'. Il-qatta' qed iżommha l-iben biex juri li l-qatta' hija l-Iben. Imma din il-qatta' trid tgħaddi mill-qiegħa, meta jiġi mifrud it-tiben mill-qamħ. Allura hu jgħid fejn ser tiġi mderrija din il-qatta': fil-mewt ta' Kristu. Il-mewt tibilgħu bħall-magna li tagħmel dan ix-xogħol, u jaqa fix-*sheol*. Din id-darba jirritorna mix-*sheol* mill-ġdid bħala qatta', iżda din id-darba l-qatta' tfisser dawk il-priġunieri li hu ħeles. Fejn qabel kienet umanità mejta, issa jippreżentaha lill-Missier kif insibu fl-Ittra lill-Efesin: meta aħna stess nistgħu ngħidu li niggustaw dan il-qamħ ta' din il-qatta', meta jsir ħobż. Hu jagħmel sintesi tal-Inkarnazzjoni, ir-Redenzjoni u s-Sagrament. Kristu li jsir ħobż, għaliex



il-Kelma fil-ġuf ta' Marija saret qamħ li jista' jittiekel, li jista' jiġi maħsud. Kollox jista' jerġa' jmut u jiġi mitħun, imma fl-aħħar jirbaħ dejjem il-ħobż. Din hija ħaġa teoloġikament qawwija.



Innotaw li Ġesù tarbija għandu sieq fuq il-koxxa ta' Marija u sieq li bdiet il-mixja tagħha fid-dinja. Innotaw kif f'art riġida bħalma hija dik tal-mużajk mhemmx bżonn ta' ħafna dettalji; bl-affarijiet essenzjali jirnexxielek tittrasmetti ħlewwa kbira. Araw l-id ta' Ġesù fejn tasal. Tasal madwar l-għonq tal-omm biex turi ħafna ħlewwa. It-tifel għandu għajn ta' Kristu li tgħinna nidħlu fil-Passjoni.

* * *



Immaġini oħra li tagħmel parti mill-*Via Crucis* li tinsab fis-Slovenja. Hawn jidhru tlett għajnejn minflok erbgħa fiż-żewġ uċuħ. Din it-tielet għajn turi l-għaqda tal-Omm mal-Iben. Minħabba f'hekk il-Verġni Marija hija msejħa mill-Konċilju Vatikan II 'is-sieħba tal-Feddej'. Barra dan, din it-tielet għajn tista' tkun ukoll tal-Missier, għaliex huwa wkoll omm, l-għajn tal-ħniena Divina. Hemm ftehim perfett, għax l-għajnejn ilkoll qed iħarsu lejn l-istess direzzjoni; hemm parteċipazzjoni reċiproka.

* * *

Taħt dan il-mużajk fi Franza hemm il-laqgħa ta' Marija ma' Binha fil-Passjoni, u jidher Kristu Saċerdot. Dan huwa





argument li ta' spiss indur fuqu, għaliex mit-titli Kristoloġiċi kollha jien naħseb li l-iktar profond huwa "Kristu Saċerdot". Kristu "Ragħaj" tispjega r-relazzjoni ta' Kristu mal-merħla tiegħu; Kristu "Tabib", ir-relazzjoni tiegħu mal-bniedem pazjent; Kristu "Sultan", ir-relazzjoni tiegħu mas-sudditi; Kristu "Saċerdot" tinkludi lill-bniedem u lil Alla.



Dan is-sagrifiċċju, dan Kristu, huwa wieħed tassew maestuż, huwa kbir kważi sitt metri, f'Saragozza fi Spanja. Għandu jdejh b'tali mod li kif tidħol fil-knisja tistħajlu li qiegħed isellimlek, li qiegħed jilqgħek. Ma tistħajjilx li huwa msallab. Din hija propjament l-interpretazzjoni teoloġika tal-Ittra lil-Lhud.

Marija tidher bħala djakonessa. Din ix-xbieha fil-Medjuevu kienet komuni ħafna, bħal fil-Katidral ta' Monreale, fejn tidher Marija li qed tiġbor id-demm fil-purifikatur.



Hawn qed naraw l-Inkurunazzjoni tal-Verġni Marija flimkien mal-għerusija, għax jekk tiflu sewwa Kristu qiegħed jagħtiha ċ-ċurkett u l-kuruna.

Araw kif taħdem liturġikament l-arti meta hija arti verament liturġika. Hawn l-altar, is-salib, id-demm, il-kalċi, il-figura, ir-rit, iċ-ċelebrazzjoni... kollha huma mwaħħdin fi





ġrajja waħda. Dan jgħin lill-fidili biex jifhmu dak li huma mhumiex jaraw b'mod immedjat. Għax jekk jien nara l-ħobż u l-inbid, ma nifhimx dan kollu, imma hawn huma mdaħħla diversi misteri.



Hawn naraw l-Omm ta' Alla fil-glorja tas-sema. Marija dejjem fil-pożizzjoni ta' interċessjoni, dik li tidħol għal uliedha u li kontinwament magħquda mal-qaddisin f'innu ta' tifħir.

* * *

U qabel nispiċċaw la qegħdin f'Malta tajjeb ngħidu xi ħaġa dwar dan ir-rakkont. Dan jinsab fil-knisja f'Bologna ddedikata lill-Ġisem ta' Kristu, li għandha iktar minn erba' mitt metru ta' mużajk, mużajk kbir ħafna. Fuq in-naħa tal-abside tat-tieni navata għamilt ix-xena ta' Kap 27 tal-Atti tal-Appostli. Għaliex? Għaliex hija xena stramba ħafna u ftit li xejn irrappreżentata.



Jiena fittixt kullimkien u qatt ma sibtha ppreżentata. Spiss jiġi ppreżentat in-Nawfraġju ta' San Pawl, imma n-nawfraġju bħala nawfraġju. Imma jien għamilt ix-xena ta' Kap 27 propju bix-xena Ewkaristika. Luqa jiddeskriviha b'mod Ewkaristiku u fl-opinjoni tiegħi din ix-xena qatt ma ġiet ippreżentata minħabba l-biża' kbir li jistgħu jaħsbu li San Pawl qiegħed jagħmel l-Ewkaristija Mqaddsa



għall-pagani, qalb il-pagani, u qiegħed jagħti lill-pagani biex jieklu l-ħobż Ewkaristiku. Dan mhux hekk. Jien studjajtu għal xahar sħiħ qabel ma bdejt niddisinjaha. Qrajt ħafna eseġeżi Patristiċi, moderni, skolastiċi dwar din ix-xena. Fl-aħħar, l-ewwel idea li ġietni kienet li din ix-xena hija waħda tajba.

X'inhu dan il-ħobż li jagħmel San Pawl, li kif jiddeskrivih Luqa jista' jfisser jew it-Tkattir tal-Ħobż jew l-Ewkaristija? Imma peress li dawn il-mitejn u sitta u sebgħin ruħ huma fil-parti l-kbira pagani, u Pawlu jagħti lil kulħadd u kulħadd isalva, għalija din hija ħaġa qawwija. Il-Knisja hija l-Ewkaristija għad-dinja, il-Knisja hija l-ġisem ta' Kristu li d-dinja qed tiekol. Aħna nieħdu ħafna pjaċir



nikkwotaw il-Missirijiet tal-Knisja u d-dokumenti tal-Konċilju Vatikan II: "Il-Knisja Sagrament tad-dinja". Xi jfisser dan? Xi jfisser sagrament?

Jekk xi ħadd jixtieq jinżel iktar fil-fond ta' din il-ħaġa, hemm ktieb ta' Alexander Schmeman, teologu kbir Russu tal-Liturġija Ortodossa, li miet żagħżugħ b'tumur fis-sena 1983: *Sacramento per la vita del mondo* ("Sagrament għall-ħajja tad-dinja"). Huwa verament qawwi. Jibda billi jgħid li Feurbach jgħaddina biż-żmien għax jgħid li "il-bniedem hu dak li jiekol". Ma kienx jaf li kien qiegħed jgħid verità kbira. Imbagħad jgħaddi biex jispjega x'inhu s-sens tad-dinja. Is-sens huwa biex insir ikel għar-relazzjoni ma' Alla. Kull fejn inħares, dak kollu li mmiss, kulfejn nimxi, kollox ifakkarni f'Alla u jwassalni biex nigglorifikah. Id-dnub jeqred dan kollu u hekk l-art issir seduzzjoni, xewqa biex nippossiedi, li jkolli, li nuża...

X'inhi r-redenzjoni? Kristu f'din id-dinja għad jiġi mill-ġdid bħala għaqda mal-Missier, għaliex fis-sagrament id-dinja ssir il-ġisem ta' Kristu. Kristu għaqqadna mal-Missier permezz tas-sagrifiċċju. Min jista' jmantnina fir-relazzjoni tagħna mal-Missier jekk mhux l-Iben? Ebda ħaġa ma tista'. Fis-sagrament id-dinja terġa' tingħaqad f'għaqda ma' Alla. Aħna dak l-ikel għad-dinja biex id-dinja fina ssib l-ikel li bih tagħraf mill-ġdid l-għaqda tagħha ma' Alla. Din hija ħaġa tassew fantastika. Dan jitlob minna l-martirju. Imma aħna ma nistgħux nagħmlu mod ieħor biex naraw lil Kristu jekk mhux fil-ġisem jew fil-laħam tiegħu. Lilna jogħġobna li aħna "ġisem ta' Kristu", imma l-"ġisem ta' Kristu" ifisser "ġisem tal-Għid".

Peress li din il-knisja hija kollha kemm hi ddedikata lill-Ewkaristija, fl-Ewkaristija jien ridt nissupera ċertu devozzjonaliżmu.

Naħsbu ftit kif nagħmlu l-Adorazzjoni tagħna. Inġib l-eżempju tal-Adorazzjoni ta' nhar Ħamis ix-Xirka f'Ruma, bħal kull Ruman tajjeb, nagħmel il-Viżti tas-Seba' Knejjes billejl, u nara l-glorja Ewkaristika tal-Knisja Latina! Spiss nagħmlu bħal pedistall, kolonni, ħafna veli u ċraret ta' kull kulur, iktar ma jkunu moderni iktar aħjar, u ħafna affarijiet oħra. Imma tassew din hija l-glorja tal-Ewkaristija? Bħal meta quddiem dan kollu jkun hemm wieħed idoqq il-kitarra, f'post ieħor oħra taqra silta li ddejqek tismagħha... Allura jien ngħid li jekk ser nagħmlu adorazzjoni tal-Ewkaristija, allura nagħmlu adorazzjoni Ewkaristika.

Niftakar li darba minnhom kont qiegħed nagħti kors ta' eżerċizzi u qaluli li ħallejt barra l-adorazzjoni Ewkaristika li huma kienu mdorrijin jagħmlu. Allura ġie deċiż li f'ċertu ħin issir din l-adorazzjoni Ewkaristika. Jien inżilt għall-adorazzjoni, inżilt għarkopptejja, u wara ħames minuti wieħed qam jaqra xi ħaġa mill-kitba ta' Newman, u mbagħad l-ieħor beda jkanta xi ħaġa. Wara ftit tal-ħin qomt minn posti, ersaqt lejn l-altar, ħarist lejhom u għidtilhom: "Skużawni, jiena ħsibt li intom kellkom f'moħħkom li tagħmlu l-adorazzjoni Ewkaristika. Jekk tridu tagħmlu hekk kif qegħdin tagħmlu, allura nagħlqu s-Sagrament u mmorru naqraw fis-sala. X'għandu x'jaqsam mal-adorazzjoni li inti taqra jew li tkanta xi tnax-il innu? Dak il-ħin wieħed minnhom qalli: "Allura adorazzjoni kif inhi?" Jien weġibt lil dan li l-għada konna sa niddedikaw ġurnata biex nitkellmu fuq hekk. Wieħed jispiċċa ma jifhimx iktar għaliex ċertu devozzjonaliżmu esaġerat kines u warrab it-teoloġija kollha. Allura għamilna din il-ġurnata u fl-aħħar għamilna l-adorazzjoni. Kienet tassew esperjenza meraviljuża li ma ninsiha qatt. Neħħejna dak kollu li kien superfluwu.




Dan għaliex kif jgħid San Ljun il-Kbir, "il-Ġisem ta' Kristu, li kien l-opra ta' Kristu, għadda fis-sagrament". U Santu Wistin jgħid li "meta s-saċerdot jew id-djaknu jgħid 'Il-Ġisem ta' Kristu', inti tgħid 'Amen''', u jkompli jgħid li hekk "inti tkun qed tagħmel il-firma fuq l-identità tiegħek". Il-Ġisem ta' Kristu. Iva, dak li jwieġeb in-Nisrani. Allura għalfejn qiegħed tkanta? Hemm jeħtieġ li tikkontempla. U x'tikkontempla? Il-ġrajja kollha ta' Kristu, mill-Inkarnazzjoni sal-glorja, ir-realtà kollha ekkleżjoloġika, il-Knisja kollha, kollox. Jien qiegħed nikkontempla l-Ostja u qiegħed nikkontempla lilna. Peress li bejnietna hemm relazzjoni diffiċli u ma niftehmux u għamluli l-ħsara, jien bħalissa m'għandix il-qalb noqgħod inkanta l-Ave Marija, għaliex filwaqt li nikkontempla quddiem għajnejja lil dak li għamilli l-ħsara, Kristu għaqqdu miegħi fil-Ġisem tiegħu. U allura jien issa x'ser nagħmel? Nagħti preċedenza lis-sentimenti tiegħi, jew lill-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu? Jien qiegħed f'kontemplazzjoni reali, għaliex meta nikkontempla lil Kristu, inkun qiegħed nikkontempla l-Knisja, b'dak kollu li aħna. Għaliex il-verità tiegħi mhix dak li nħoss; il-verità tiegħi hija dak li jien fl-Ewkaristija!

Jien mal-artisti li naħdem – u nista' niżgurakom li mhix ħaġa faċli tagħmel tnax-il siegħa fuq il-fallakki, u aħna naħdmu dejjem hekk – fil-bidu tal-ġurnata nagħmlu l-Quddiesa, kull filgħodu. Dan għaliex jekk il-ħitan tal-knisja huma t-tila li fuqha l-Knisja tagħmel ir-ritratt tagħha, jien ma nistax inpitter ritratt tiegħi nnifsi jekk jien ma nafx min jien. Fejn jien nista' nara lili nnifsi kif jien? Quddiem il-psikologu? Quddiem ommi? Le, huwa biss quddiem il-Ġisem ta' Kristu li jien nara lili nnifsi, nara min jien tassew. Jien ngħid lill-artisti: "Dak li tkunu fil-Quddiesa, tkunu fil-ġurnata". Allura dak li jiġri fil-Quddiesa għandu jiġri matul il-ġurnata. Jew jirbaħ fija sentiment li huwa kontra dan kollu, jew jirbaħ dak li għext fl-Ewkaristija. Allura jien nikkontempla dan kollu.

Nikkontempla l-istorja għaliex fl-Ewkaristija hemm issiġillata u moħbija ċ-ċavetta tal-istorja. Għaliex hemmhekk biss jiena nsib iċ-ċavetta biex naqra l-ġrajjiet. Meta Kristu kien fil-bidu tal-Aħħar Ikla, Ġwanni jgħidilna li Ġesù kien kompletament konxju li kien ser jgħaddi għand il-Missier. Allura l-Ewkaristija hija l-passaġġ għal għand il-Missier, hemmhekk hemm l-istorja kollha, it-traġedja, it-tradiment ta' Ġuda, kollox. Araw kemm affarijiet jien irrid nikkontempla! Irrid insib dak li jgħaqqad lili ma' Kristu, dak li jgħaqqad il-ġrajjiet ma' Kristu. Din hija l-kontemplazzjoni. Meta nsib dan, ir-reazzjoni spontanja tiegħi xi tkun? L-adorazzjoni, il-prostrazzjoni. Jekk le, ikun sempliċi sentimentaliżmu romantiku.

Allura f'dak il-mużajk jien għamilt lil San Pawl li qiegħed ipoġġi lilu nnifsu bħala ħobż għad-dinja. Id-dinja ġiet mifdija. Wara San Pawl hemm l-anġlu li qiegħed jgħidlu x'għandu jagħmel: il-vokazzjoni li jrid jasal



Ruma. Allura minħabba l-vokazzjoni u mhux għal xi kapriċċ jew għax qiegħed jibża' mill-mewt. Hu ma jistax imut hemmhekk, għax irid jasal Ruma. Peress li fil-Knisja hemm vokazzjoni u din il-vokazzjoni aħna nġorruha fid-dinja, id-dinja tista' tiblagħna imma ma tistax toqtolna, u hekk insalvaw lilna nfusna u lid-dinja. Ix-xena tgħidilna dan kollu.

* * *

L-aħħar ħaġa li ser ngħid hija xi ħaġa li hija għal qalb ħafna r-rettur ta' dan is-Santwarju: dik li jirranġa z-zuntier tal-knisja. U hija ħaġa tajba, għaliex tassew li hemm bżonn li dan issir. Tkellimna ħafna dwar dan u jien tal-opinjoni li l-mod ta' kif qed jaħseb li jsir huwa wkoll xi ħaġa tajba.



Mela l-ħsieb huwa dan: li fuq iz-zuntier fl-erba' arki li jifformaw jiffurmawh jagħmel il-Misteri tar-Rużarju, l-erba' gruppi tal-misteri. Barra minn hekk, il-parkeġġ jibda jsir fuq barra u mhux fuq iz-zuntier, u din diġà hija ħaġa importanti u tajba ħafna. Skużawni imma l-unika kritika li nħoss li għandi nagħmel lil Għawdex hija dik li jipparkjaw il karozzi quddiem il bibien tal knisja! Forsi ma nafux x'inhu l-użu u t-tifsira ta' zuntier ta' knisja, aktar u aktar ta' santwarju?

Li tpoġġi l-karozza fuq iz-zuntier huwa att kuraġġjuż, ħaġa bħal din hawn biss rajta. Iz-zuntier huwa parti mill-knisja. Iz-zuntier għandu jkun liberu għaliex huwa fuq dan il-post, li għandha ssir il-laqgħa, it-tislima,



ir-rikonċiljazzjoni bejn in-nies li ser jidħlu fis-satwarju. Nagħtu xi eżempji mill-ħajja ta' kuljum: il-mara u r-raġel li ġġieldu matul it-triq issa jridu jagħmlu paċi qabel jidħlu fil-knisja, u affarijiet oħra. Ġieli lanqas tkun tista' tidħol il-knisja kif ikunu pparkjati l-karozzi. Allura l-bieraħ kif wasalt jien ħadt ritratt biex inkun nista' ngħallem lill-istudenti ta' Sant'Anselmu kif tista' tagħmel pastorali mal-karozzi, għaliex qisu bħad-*drive-in*, "il-Quddiesa *drive-in*"!

X'inhi t-tifsira propja ta' dan il-proġett? Jistgħu jiġu f'pellegrinaġġ grupp żgħir biex jippreparaw u jħejju ruħhom biex jidħlu fis-santwarju. Iridu jibdew idaħħlu f'moħħhom li l-Liturġija mhix biss il-Quddiesa, hemm ħafna affarijiet li jħejju għaliha. Peress li huma erba' misteri, kull grupp jista' jieħu wieħed minnhom, jistgħu joqogħdu diversi gruppi u ħafna nies, jistgħu jieqfu, jagħmlu riflessjoni qasira fuq xi silta



Biblika jew riflessjoni fuq xi xbieha biex tgħinhom. B'dan il-proġett jista' jsir dak kollu meħtieġ bħala preparazzjoni. Aħna naħsbu biss fl-omelija u li fl-omelija se ndaħħlu kollox: politika u affarijiet oħra li m'għandhom xejn x'jaqsmu. L-omelija hija spjegazzjoni tal-Kelma ta' Alla, imma barra wieħed jista' jgħid ħafna affarijiet. Imbagħad filgħaxija l-familja tista' toħroġ flimkien, tasal bil-karozza sa ċertu post, imbagħad bil-mod il-mod tibda tersaq lejn iz-zuntier, u mhux toqgħod quddiem il-kompjuter li vvinta x-xitan jew quddiem it-televiżjoni li huwa l-kuġin tax-xitan! Tagħmel passiġġata bil-kwiet, tagħti żegħila lill-Madonna, u wieħed jitgħallem kliem spiritwali f'post spiritwali. Għalhekk jiena għidt li għalija din hija idea formidabbli biex wieħed juri li l-Ġisem ta' Kristu, li jiġi fis-sagrament, għandu x'jaqsam mal-binja li hija x-xbieha tal-Knisja. Il-knisja bl-ittra żgħira hija x-xbieha tal-Knisja bl-ittra kbira, din il-Knisja li hija l-Ġisem ta' Kristu.

Allura fejn tispiċċa l-Ewkaristija? Tinnotaw li jkollkom diffikultà biex tgħidu eżatt fejn? Peress li aħna fl-Ewkaristija nsiru mill-ġdid konxji tagħna nfusna bħala Ġisem ta' Kristu, allura fejn jispiċċa l-Ġisem ta' Kristu? Fil-fabbrika, fid-dar... Iz-zuntier madwar dan is-santwarju irid juri kif dan il-Ġisem ta' Kristu jippenetra d-dinja, jidħol fid-dinja. Dan huwa importanti ħafna biex ikun viżibbli għad-dinja u mhux ikun fgat mid-dinja, iz-zuntier jrid joħloq l-ispazju tas-skiet interjuri, tas-serħan mit-tbatija ta' kuljum, fuqu irrid nibda induq il-kalma u l-paċi u mhux insibu mimli bil-karrozzi hekk li kważ jaslu sat-tabernaklu.

* * *

Nixtieq tassew nirringrazzja lir-rettur u lilkom tal-komunjoni li ħassejt hawn fostna f'dawn il-jiem. Ser nirritorna Ruma b'din l-esperjenza ta' dawn l-uċuħ li jiena rajt ħafna attenti, lesti li jilqgħu dak li ngħidilhom, hekk li stajt inħoss li dak li kont qiegħed ngħidilkom intom kontu qegħdin tħossuh bħala l-fidi tagħna, u din hija ħaġa sabiħa. Niringrazzja lill-Isqof, għaliex il-ftit li ltqajt miegħu ġagħalni nħoss li jien nista' nkun ħabib tiegħu, li tista' taqsam miegħu xi ħarsa fuq il-fidi, fuq il-Knisja, fuq Kristu.

Grazzi. ♦





**Id-Direzzjoni tas-Santwarju tixtieq tirringrazzja lil dawk kollha li għenu biex jittella' dan is-Simposju.**

**Grazzi wkoll lil dawn l-isponsors tal-għajnuna tagħhom.**

HSBC

jdb digital printing

exalta

GOZO express services

GOZO The Island of Culture
Gozo Culture & Information Office (Ministry for Gozo)




# Wirja ta' Arti Sagra

## waqt il-ġranet tas-Simposju Marjan fis-Sala tas-Santwarju ta' Pinu





*Bejn it-3 u l-4 ta' Mejju, fl-istess ġranet li matulhom kien qed isir is-Simposju Marjan immexxi minn P. Marko I. Rupnik SJ., fis-Sala tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna ta' Pinu ttellghet wirja ta' Arti Sagra minn diversi artisti Għawdxin.*



*L-artisti li esebixxew l-arti tagħhom f'din il-wirja huma: Margherita Borg, Jason Farrugia, Manwel Farrugia, Aaron Formosa, Dun Roberto Gauci, u Joe Meilak.*



# Għotja ta' Pittura ta' George Fenech

## lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu

minn Joe Camilleri

Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu għadu kemm kiseb pittura prestiġjuża tal-pittur magħruf Malti George Fenech li kien miet fil-21 t'Awwissu, 2011 fl-età sabiħa ta' 85 sena. B'att notarili, il-familja Fenech irregalat il-kwadru ntitulat **It-Tieġ ta' Kana** wara li George innifsu kien wera x-xewqa li din l-opra artistika tkun esposta għall-qima tal-pubbliku f'xi maqdes ewlieni.

George Fenech hu wieħed mill-pitturi ewlenin tal-epoka moderna Maltija. Forsi baqa' magħruf l-aktar għat-trattament tal-pajsaġġ Malti fejn ħalla timbru distintiv b'perċezzjonijiet u orkestrazzjoni kromatika ta' armonija u dawl. Imma George kien magħruf ukoll għal ġeneri oħra ta' arti. Fosthom in-natura morta bi tlaqqigħ ta' oġġetti assoċjati mal-attività Maltija, il-kwadru-ritratt, u t-temi soċjo-folkloristiċi li jfakkruna f'bosta aspetti tal-identità kollettiva tagħna. U ma' dawn il-ġeneri nżidu wkoll l-arti sagra. Minkejja li dejjem kien dispost biex jagħti sehmu, bħal ħafna artisti oħra ta' żmienu, George Fenech qajla ngħata l-opportunità ta' kummissjonijiet ta' dekorazzjoni fil-knejjes. Il-mentalità ġenerali baqgħet tkarkar ma' ċertu trijunfaliżmu glorifikanti li qajla kien inebbaħ u jgħodd għat-temperiment innovattiv ta' artist bħal George Fenech u għall-filosofija li l-qawwa spiritwali u psikoloġika tiskopriha fl-istess sempliċità tal-ħajja.





## Sfond

B'dan kollu, it-tema sagra kienet marbuta sew ma' dan l-artist li kien bniedem ta' ċertu fond spiritwali u li fir-reliġjon, bħal fin-natura, kien jara ħolqa ta' interazzjoni diretta ma' Alla l-Ħallieq. U fis-skiet tal-istudju tiegħu, Ġorġ inqeda wkoll bil-ġeneru tal-arti sagra biex jinterpreta motivi sagri mnebbħa mill-episodji evanġeliċi u mil-leġġendi tal-qaddisin. L-iżvilupp tan-narrattiva jingħata messaġġ universali. Iżda fil-biċċa l-kbira jseħħ f'ambjent u f'atmosfera lokali, l-aktar fl-inħawi tal-Mellieħa. Saħansitra fit-tema sagra, George jibqa' pittur Malti bl-għeruq u x-xniexel. Il-protagonisti tan-narrattiva aktarx jidhru fil-kostum taż-żmien rispettiv tagħhom, imma lill-karattri sekondarji jħobb jippreżentahom bi lbies kontemporanju. Hekk waqt li l-ispettatur jibqa' jidentifika l-ġrajja mas-sors dokumentattiv oriġinali, fl-istess ħin il-ġrajja hi ankrata fi spazju ġeografiku lokalizzat u fl-epoka tal-lum. Hekk juri l-kontinwità u l-validità tal-messaġġ għal żmienna.

S'hemmhekk l-aspett estetiku. Imma minbarra l-estetika, biċċa pittura valida jrid ikollha wkoll kontenut li ma jwassalx biss



sal-livell dekorattiv. L-arti ta' Ġorġ Fenech taqbad l-għajn minnufih permezz ta' kompożizzjoni strutturata u organizzata tajjeb b'ċerta loġika u ċarezza, u permezz ta' kontrapposti, inklużi dawk kromatiċi. Dan kollu jistimula lill-ispettatur biex jidħol f'interazzjoni mal-opra tal-arti u jinħakem mill-ispirtu tagħha. Hekk jinfed taħt il-qoxra tal-wiċċ. **Fil-fatt, il-biċċa l-kbira tal-pitturi sagri ta' Ġorġ Fenech huma xogħlijiet meditattivi u psikoloġiċi b'referenza diretta għall-imġiba umana f'waqtiet ta' kunflitt intern.**

## *It-Tieġ ta' Kana*



**It-Tieġ ta' Kana** (150 x 192 cm) jingasta sewwa f'dan il-kuntest. Tpitter fl-1987 u kien jinsab fil-kollezzjoni tal-artist. Huwa ffirmat u datat fin-naħa leminija t'isfel. George Fenech kien pitter żewġ verżjonijiet oħra tal-istess tema u li fihom uża kważi l-istess orkestrazzjoni kromatika għalkemm hemm differenzi fil-kompożizzjoni. It-tnejn huma wkoll żejt fuq it-tila u jinsabu f'kollezzjonijiet privati. Inkwatru minnhom fih id-daqs ta' 62 x 70 cm u sar fl-1996. L-ieħor tpitter sentejn wara u jġib kważi l-istess daqs.

Il-fatt li tnebbaħ mill-istess tematika għall-iktar minn darba juri kemm ir-rakkont Bibliku tal-ewwel miraklu ta' Kristu kien għal qalb George. Naħseb li hu hekk mhux biss għax George kellu għożża għall-familja, għall-ordni, għall-istabbilità u għal

konklużjonijiet feliċi, imma wkoll għax dan l-episodju juri l-umanità kbira ta' Sidna Ġesù - (il-ħniena, l-imħabba, ir-rispett, is-sens ta' responsabbiltà) - waqt li fl-istess ħin joħroġ il-qawwa Divina tiegħu. Il-qawwa umana murija bl-aktar sempliċità u d-dinamika spiritwali jiżżewġu spiss fl-arti sagra ta' George Fenech.

Żgur li George kien ilu ossessjonat minn dan il-ħsieb sa mill-1958 meta kien ħejja



l-abbozz għall-kwadru li ħadmu 30 sena wara, u li issa ġie rregalat lis-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Il-pittur segwa dan l-abbozz b'xi tibdil żgħir. In-narrattiva sseħħ f'ambjent Malti, sewwa sew qrib żewġ arkati kbar u miftuħa li minnhom jidher is-sema diefi, il-blat ixheb u l-ikħal tal-baħar Mediterran. Din id-dehra tfakkarna fl-arkati miftuħa u fil-panorama li tinfirex minn ħdejn is-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Fl-isfond, il-mistednin madwar il-mejda. Huma rappreżentativi tal-mistiedna tar-rakkont Bibliku daqskemm tal-parteċipanti kontinwi tal-lum. Il-linja orizzontali ta' dil-ġemgħa toħloq kontrappost mal-linji vertikali tax-xbihat ta' Kristu u tal-Madonna.

L-elongazzjoni tal-figuri b'panneġġi dritti tagħti ċerta monumentalità dinjituża. Fl-istess waqt, din il-linja toħloq paralleliżmu mas-saqajn tal-arkati waqt li n-nofs kumpass tagħhom isegwi d-dahar imqawwas tal-figura tal-qaddej mgħawweġ iferra' l-ilma fil-ġarar. (Bin il-pittur, Gilbert kien ippoża biex missieru ħażżeż din il-figura. Membri oħra tal-familja kienu l-mudelli tax-xbihat l-oħra)*.

Il-figura ta' Kristu hi l-qofol tal-kompożizzjoni u fl-istess ħin tinqata' għaliha. Il-volum tagħha jimla l-ispazju kważi minn isfel sa fuq. Il-lewn newtrali tal-abjad huwa sinifikattiv. L-azzjoni sseħħ fil-quddemin tal-kompożizzjoni. Il-parteċipanti l-oħra jintefgħu fil-perspettiva waqt li fl-istess ħin jibqgħu marbuta mal-istess forzi ritmiċi. Id-drama tal-mument hi kkontrollata b'mod assolut. L-aċċenn jibqa' fuq in-nobbiltà u d-dinjità tal-waqt mistiku. L-eliminazzjoni ta' dettalji bla bżonn, it-twarrib tat-teatralità, il-kontroll kromatiku jagħmel lil din in-narrattiva waħda ordinarja u fl-istess ħin straordinarja. **Ġrajja ta' attività umana ssir stqarrija tal-imħabba u tal-qawwa Divina.**

Minkejja li numerikament ma kinux estensivi wisq, bil-kwadri sagri tiegħi George Fenech ta sehem notevoli fit-tiġdid ta' din il-fergħa tal-arti Maltija. B'mod partikulari b'**It-Tieġ ta' Kana, Il-Midinba 2, Kollox Mitmum, Id-Difna ta' Kristu,** u bid-**Depożizzjoni**, wieħed mill-aqwa xogħlijiet tat-tmeninijiet. Kompetenza fid-disinn, *draughtsmanship* tajjeb u kreattività artistika huma l-bażi ta' dan is-suċċess. Id-dawl u l-kulur imbagħad isawru s-sinfonija tal-ħajja tal-kwadru. Darba, bl-ikbar umiltà, iżda b'konvinzjoni kbira, George Fenech stqarr miegħi li kien jitfa' ruħu kollha fil-pittura tiegħu. "Pittura mingħajr ruħ mhix arti," kien iħobb jgħid. Forsi għalhekk li x-xogħlijiet tiegħu jitfgħu eku tant b'saħħtu mis-sempliċità tagħhom. Mill-komuni u l-ordinarju, George ħareġ il-kobor. **It-Tieġ ta' Kana** hu wieħed minn dawn il-prodotti artistiċi ġenwini. Il-lum sab id-Dar addattata fejn jibqa' tgħix għal dejjem, għotja ta' mħabba li tirrifletti artist li ħabb is-sabiħ u t-tajjeb u li ddedika ħajtu għalihom. ♦

** (Radd il-ħajr lis-Sinjura Doris Fenech, mart il-pittur, li tatni dan it-tagħrif verbali.)*

# Preżentazzjoni u tberik tal-Pittura ta' George Fenech



Fit-22 ta' Ġunju 2013, jum il-festa tas-Sejħa tal-Madonna Ta' Pinu, Doris Fenech, l-armla ta' George Fenech flimkien ma' wliedha ppreżentaw il-Pittura tat-Tieġ ta' Kana lis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu. Il-pittura li ġiet imbierka minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fi tmiem il-Pontifikal tal-festa, ser titpoġġa fil-kappella tad-Dar tal-Irtiri.





## Kliem Doris Fenech, l-armla tal-artist fuq din il-pittura...

Bħall-kwadri kollha ta' George Fenech li jittrattaw tema reliġjuża, *It-Tieġ ta' Kana*, li jittratta l-ewwel miraklu tal-Mulej, ma nħadimx fuq kummissjoni, iżda għax is-suġġett kellu sinifikat speċjali għal żewġi. Fil-fatt dan is-suġġett ġiet ttrattat minnu mill-inqas ħames darbiet. L-ewwel xogħol li jittratta din it-tema jmur lura għall-aħħar tal-ħamsinijiet, meta huwa kien qed jistudja Ruma, u dan is-suġġett baqa' jispirah tul il-karriera artistika tiegħu kollha.

George kien bniedem altruwist u ġeneruż għall-aħħar, u dejjem qasam it-talent u l-esperjenza artistika tiegħu mingħajr riservi. Forsi din kienet waħda mir-raġunijiet li dan l-episodju fil-ħajja ta' Kristu kien jappella ħafna għalih. U forsi din ukoll kienet ir-raġuni għaliex l-artist xtaq li dan il-kwadru partikolari jitpoġġa f'post ta' talb, fejn wieħed jista' jimmedita quddiemu. ♦



# Ir-Riħ li jkebbes fina n-Nar ta' Alla

## 276 student u student jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof waqt Ċelebrazzjoni speċjali fl-okkażjoni tas-Sena tal-Fidi fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu

*Omelija ta' Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex waqt iċ-Ċelebrazzjoni Djoċesana li saret nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2013*

Sa dalgħodu konna qalbna maqtugħa jekk ir-riħ hux ħa jieqaf! Imma meta llejla inġbarna biex nagħmlu l-festa tal-Ispirtu s-Santu, ir-*ruah divin*, nixtiequ li jonfoħ fuqna dan ir-riħ qaddis kif nefaħ fuq l-appostli dak inħar ta' Għid il-Ħamsin! Ir-riħ tal-Majjistral ngħidulu joqgħod ftit ieħor, imma r-riħ ta' Alla rriduh jonfoħ mhux biss hawn, imma fuq il-poplu tagħna kollu.

Intom tafu li r-riħ jaqla' u jnaddaf. L-antiki kienu jagħmlu l-qiegħa u kienu jitolbu għar-riħ biex iderru l-qamħ mill-karfa. Kemm għandna bżonn li l-Ispirtu ta' Alla jonfoħ fostna biex inaddafna billi jtajjar il-karfa li tinġabar madwarna u fina!

Ir-riħ jaqla' l-affarijiet mill-qiegħ. Xi darba jaqla' siġar li jkunu ilhom is-snin b'għeruqhom imniżlin fil-fond. Aħna għandna bżonn ninqalgħu minn ċerti qagħdiet u sitwazzjonijiet li issa ħabtu jdejjquna u forsi qed isibuha diffiċli biex ninqalgħu minnhom. Fost dawn hemm sitwazzjonijiet soċjali bħalma hija l-problema li jkun hawn xogħol dinjituż għal kulħadd, id-diffikultajiet fil-qasam finanzjarju etc. Hemm każi fejn il-bniedem jinsab imwaħħal f'sitwazzjoni familjari jew f'relazzjoni mhix f'postha li jixtieq jinfatam minnha imma ma jistax jeħles! Hemm min weħel f'xi viżżju jew preġudizzju u għalkemm ilu jitħabat ma jistax joħroġ minnhom.

Hemm imbagħad min weħel f'dubji jekk ċerti valuri għadhomx validi jew le. Hemm bżonn li dan ir-riħ jaqlagħna minn ċerta duttrina żbaljata dwar il-ħajja umana, iż-żwieġ u l-familja, li jekk neħlu fiha inkunu niżbaljaw





bl-ikrah. Hemm bżonn li r-riħ ta' Alla jaqlagħna minn ċerti qagħdiet fil-ħajja personali tagħna. Kemm-il darba – jiena magħkom – ġie li naqtgħu qalbna li nistgħu ninqalgħu minn ċerta sitwazzjoni! Nitilfu kull tama illi għada jisbaħ jum ġdid fir-relazzjonijiet ta' bejnietna, fir-relazzjonijiet tal-familji tagħna, fir-relazzjonijiet bejn gruppi u oħrajn. F'dawn is-sitwazzjonijiet kollha għandna bżonn inħallu r-riħ t'Alla jonfoq fuqna u madwarna biex ninqalgħu minn dawn ir-raddiet.

Jekk ir-rih tad-dinja jonfoħ għal wiċċna u għalhekk jitfgħana lura, ir-riħ ta' Alla jonfoħ minn warajna u jimbuttana 'l quddiem. Hawn min qiegħed jagħmel it-tajjeb, imma jaħbat jaqta' in-nifs; hawn min huwa msejjaħ biex jimxi wara Kristu fis-saċerdozju jew ħajja ikkonsagrata u qed jibża jgħid iva lil Ġesù. Lil persuni bħal dawn, ir-riħ t'Alla jmexxihom! Il-riħ t'Alla mhux aġġressiv u vjolenti bħar-riħ tad-dinja, imma huwa fewġa ħelwa li tmelles fuq il-ġilda tagħna u nħossuha tfarraġna!

Illum aħna ltqajna hawn biex inkomplu ni"elebraw is-Sena tal-Fidi. Hija l-fidi tagħna f'Alla, fl-Ispirtu s-Santu, li tqanqalna u twassalna biex nifthu l-qlugħ tad-dgħajsa tagħna ħalli timtela b'dan ir-riħ u tofroq il-mewġ tal-ħajja, anki jekk il-ħalel tal-baħar ikunu hekk għoljin li naħsbu li sejrin jgħarrquna.

Nirrikkmandalkom, b'mod partikulari lilkom adolexxenti, biex issejħu iktar l-Ispirtu ta' Alla, Intom għadkom żgħar, u forsi ma tifhmux dak kollu li qed ngħid illejla, imma l-ġenituri, il-parrini, in-nanniet u z-zijiet tagħkom jifhmuni. Intom sejrin tirċievu dan l-Ispirtu ta' Alla li jimliena bil-qdusija. Kif ir-riħ huwa risorża importanti li tiġġenera l-enerġija, hekk ukoll l-Ispirtu t'Alla jaf joħloq fina enerġija għat-tajjeb, anzi jagħmel minn kull wieħed minna enerġija ġdida li kapaċi ġġib bidla fis-soċjetà. Għalhekk, l-adoloxxenti li qed jircievu l-Ispirtu s-Santu huma t-tama tagħna.

Intom għadkom l-iskola, u tistudjaw l-Istorja. Ġie li qrajtu fuq dik li tissejjaħ ir-Rivoluzzjoni Industrijali tas-seklu tmintax? Aqraw ftit fuq ir-Rivoluzzjoni Industrijali. Din ir-rivoluzzjoni li kellha effett fid-dinja, b'mod partikulari fl-Ewropa, ġabet bidla mhux biss fil-mod kif il-bniedem jaħdem imma fix-xjenza, fil-kultura, fl-istil tal-ħajja etċ. Il-kawża li ġabet din ir-rivoluzzjoni industrijali kienu in-nar u l-ilma! Il-bniedem





intebaħ li bil-fwar jista' joħloq l-enerġija; hekk kemm it-trasport fl-art u fil-baħar kif ukoll il-produzzjoni, ngħidu aħna, ħadu qabża 'l quddiem... il-ferrovija li taħdem bil-faħam; il-generazzjoni tad-dawl. Illum bilkemm jgħaddilna minn moħħna kif ġew dawn il-kisbiet kollha. Dawn seħħew għaliex il-bniedem skopra kemm għandu valur in-nar!

Issa in-nar huwa simbolu ieħor li aħna nassoċċjawh mal-Ispirtu s-Santu. Nhar Għid il-Ħamsin l-appostli kienu miġbura ma' Marija fiċ-Ċenaklu u "f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin u dehrulhom ilsna qishom tan-nar li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu" (Atti, 2,2-3) Jekk nużaw tajjeb din ir-risoża, aħna għandna l-ħila li nġibu rivoluzzjoni oħra. Ħafna jiddipendi minna lkoll: jekk inħallu dan in-nar ta' Alla, bir-riħ jonfoħ fuqu ħalli jkompli jaqbad, jimliena b'enerġija tiegħu, aħna nġibu bidla għall-aħjar fil-ħajja tagħna, tal-familja, tas-soċjetà tagħna, tal-Knisja tagħna.

Din l-enerġija għandha isem: hi l-imħabba li jitkellem fuqha l-Vanġelu. L-Ispirtu ta' Alla hu l-Imħabba divina. Inħallu dan in-nar jaħraqna bħala offerta tfuħ lil Alla l-Imbierek; inħallu lill-Ispirtu s-Santu jimliena bl-imħabba tiegħu. Din l-imħabba għandha qawwa li ġġib il-bidla li kull wieħed u waħda minna jixtieq fil-ħajja tiegħu u madwaru.

Għalhekk illejla qed nagħmlu festa: biex insejħu fuqna l-Ispirtu s-Santu - biex nħallu r-riħ ta' Alla jonfoħ fuqna, ikebbes fina dan in-nar divin, u hekk iseħħ bidla fina u madwarna. ◆





17 IL-SENA
Velja tal-Għid tal-Assunta
KANT U SALMI
QUDDIESA tal-Vġili
mmexxija minn
Mons Isqof Mario Grech
LEJL ADORAZZJONI
EWKARISTIKA
Santwarju Ta' Pinu
14 t'Awwissu 2013
8.00 - 10.15 pm
Trasport mill-Parroċċi ta' Għawdex
Trasport minn Malta organizzat minn RADJU MARIJA - 21453105
Xandira diretta fuq Radju Marija 102.3 / 107.8 FM Stereo







# Agħti sehmek biex jiġu restawrati t-twieqi tal-*Istained Glass* li jinsabu

- *fil-Kappella fejn hemm midfuna Karmni Grima u Franġisk Portelli*
- *fil-kappella fejn hemm midfuna Frenċ tal-Għarb u r-rettur Mons Ġużeppi Portelli*





**Ir-restawr ta' kull tieqa jiswa madwar €800 u €1000**

**Żewġ benefatturi ħallsu r-restawr tal-ewwel tnejn, fadal niġbru l-fondi għal 4 oħra.**

## Xogħol u Restawr li tlesta:

- 16-il tieqa li jinsabu fil-koppla
- Ir-*Rose Window* li tinsab fil-Faċċata tas-Santwarju
- Il-Faċċata u l-portiku tas-Santwarju
- Installazzjoni tad-dwal tal-faċċata

**Noffri donazzjoni ta' ☐€10 ☐€20 ☐€50 ☐aktar**

***Għal kull donazzjoni tingħata Tifkira flimkien ma' irċevuta***





# It-Tieġ ta' Kana

Pittura ta' George Fenech

li ġiet mogħtija
lis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu
minn Doris, l-armla ta' George,
flimkien ma' wliedhom,

biex titpoġġa fil-kappella tad-Dar tal-Irtiri.

NEWSPAPER POST